# IL-PULIZIJA




Vol. 6 No. 7




In 1975 Mid-Med Bank Limited was established to take over the business of Barclays Bank International Limited in Malta and Gozo. Barclays had originally taken over, 50 years earlier, the business of the Anglo-Egyptian Bank, which bank had been established in Malta since 1881! So, in reality, though we are only 10 years old, our foundations were laid over 100 years ago.

Since its formation in 1975 Mid-Med has increased Customers' Funds by 137% and Advances to customers by 88% – a truly remarkable growth!

# Mid-Med Bank Limited

**HEAD OFFICE – 233 REPUBLIC STREET**
**VALLETTA**
**MALTA**

*The 10-year old Bank with over 100 years of experience*

# IL-PULIZIJA

JANNAR – FRAR 1987

Organu tal-Pulizija
Stampat fil-Union Press
Editur: Surġent Joe Calleja

Bord Editorjali: Spettur N. Schembri; Spettur J. Agius; Surġent-Maġġur 419 A. Sciortino; Surġent 649 M. Saliba; Surġent 1303 G. Scicluna; PC 512 M. Ellul.


KOPERTINA:

## IL-PARATA TAT-13 TA' DIĊEMBRU

## F'Din il-Harġa


Mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija........................2
Il-Bini tad-Depot fil-Furjana........................3
The History of Photography.................4/5
Il-Pulizija u l-Eżerċizzi Fiżiċi..........6/7/8
Ittra – Apprezzament............8
Firearms....................9/10/11
Rasputin........................12
Paġna għan-Nisa...........13/15
Attivitajiet ta' l-Entertainment Committee................14/15
Mid-Dinja Mużikali........16/17
Hobbies............................18
Legal Notes........................19
Paġna għat-Tfal....................20
Informazzjoni fuq l-Iskema ta' Sussidju fuq l-Imgħax fuq Self għal Djar approvata mill-Gvern fl-aħħar Budget.................21
Mill-Għaqda Pensjonanti tal-Pulizija.................22/23
Il-Ġrajja tat-Tabib Malti Giuseppe Callus.......24
Sports.........................25/26


***EDITORJAL***

# SENA TA' XOGĦOL — 1986

*•IS-SENA 1986 nistgħu ngħidu li kienet sena ta' xogħol kontinwu għas-servizz tas-soċjetà. Biss però ma nistgħux ninsew li konna bdejna s-sena b'togħma morra meta bomba kienet splodiet ma waħda mit-twieqi ta' l-Għassa ta' tas-Sliema u tlett membri tal-Korp sfaw midruba. Madanakollu l-pulizija ma waqfet qatt milli taqdi d-dmirijiet tagħha.*

*Biex il-Korp tal-Pulizija jkun aktar effiċenti u jkollu aktar mezzi biex jaħdem u fejn jaħdem saru diversi xogħlijiet strutturali u anke nxtraw vetturi u apparat ieħor meħtieġ fil-qadi tad-doveri tagħna. Wieħed jista' jsemmi l-Għasses ġodda li nbnew jew għadhom qed jinbnew, bħal l-Għassa ta' Bormla, ta' Ħal Balzan, l-Imsida, tal-Qawra u ta' Birżebbuġa. Saru uffiċini ġodda fuq il-parti ta' quddiem tal-Headquarters u Fire Station ġdida ġewwa l-Imtarfa. Inbnew garages ġodda ġo Notre Dam Ditch u oħrajn il-Mounted Section. Saru alterazzjonijiet u tiswijiet f'diversi bini tal-Pulizija inkluża l-Għassa ta' l-Airport. Inbnew workshops ġodda għat-tradesmen tal-Pulizija u sar ħafna xogħol fil-Kulleġġ tal-Pulizija Ta' Kandia.*

*Matul is-sena 1986 inxtraw numru ta' klieb biex jiġu mħarġa fix-xogħol tal-Pulizija u rċevejna numru sabiħ ta muturi u vetturi mingħand il-Gvern Taljan. Barra li inxtraw numru oħra ta' vettura il-Gvern Ġermaniż ippreżenta wkoll lill-Korp tal-Pulizija numru ta' vetturi, klieb u anke apparat tal-fotografija u tar-radio.*

*Bejn it-28 u 30 ta' April 1986 inżammet f'Malta il-15-il Konferenza Reġjonali tal-Pajjiżi Ewropej membri tal-Interpol. Għal din il-Konferenza attendew rappreżentanti min 21 pajjiż u matula l-Prim Ministru Dr. C. Mifsud Bonnici LL.D., u l-Kummissarju tal-Pulizija Dr. L. Pullicino LL.D. ġew it-tnejn ippreżentati mis-Segretarju Ġenerali tal-Interpol b'midalja li tirrappreżenta l-għola unur li din l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija qatt tat.*

*Ħadna wkoll sehem, għall-ewwel darba fi Trade Fair tan-Naxxar. Li stand li ġie mtella' kollu mill-Pulizija kien iġieb il-motto tal-Korp 'Għas-Servizz tal-Poplu' u kull min żaru seta jara aktar mill-qrib ix-xogħol tal-Pulizija fid-diversi taqsimiet li għandna.*

*Matul din is-sena reġġhet ġiet imwaqqfa l-Banda tal-Pulizija taħt is-Surmast Anthony Cassar. Kif kulħadd jaf il-banda diġà kellha l-opportunità li tidher fil-pubbliku u l-kummenti kienu li għalkemm għada fil-bidu tagħha l-livell huwa wieħed għoli ħafna.*

*Ix-xogħol li wettaq il-Korp tal-Pulizija matul din is-sena huwa enormi u mpossibbli li f'dan 'il ftit spazju nelenkawh kollu, madanakollu ma riedx ninsa x-xogħol siewi li sar mis-CID u l-każijiet kriminali li ġew solvuti kemm minnhom kif ukoll mill-Pulizija l-oħrajn fid-Diviżjonijiet u l-Branches l-oħrajn kollha.*

*Il-kritika ma naqset qatt, biss però il-ħeġġa u rieda għadhom hemm. Ħajr lid-Diriġenti tal-Pulizija.*

# MILL-ASSOĊJAZZJONI TAL-PULIZIJA

## ĦATRA TA' KUMITATI GĦAS-SENA 1987

### POLICE SOCIAL CLUB

**President:**
Supertintendent JM Sciberras;
**Membri:**
Spettur L. Cauchi;
Spettur N. Schembri;
Surġent Maġġur 220 L. Muscat;
Surġent Maġġur 72 R. Micallef;
Surġent 620 S. Bunce;
Kuntistabbli 30 D. Zahra;
Kubtistabbli 1237 E. Pisani;
Kuntistabbli 512 M. Ellul;
Kuntistabbli Mara 45 M'Therese Bonello;
Kuntistabbli Mara 46 Nicholette Baldacchino;
Is-Sinjur L. Muscat;
Is-Sinjur V. Zahra.

### SOCIAL COMMITTEE

**President:**
Suprintendent M.C. Borg.

### WELFARE SUB-COMMITTEE

**Chairman:**
Spettur N. Schembri.
**Membri:**
Surġent-Maġġur 675 C. Camilleri;
Surġent 517 R. Sultana;
Surġent 649 M. Saliba;
Kuntistabbli Mara 74 M. Schembri.

### SPORTS COMMITTEE

**President:**
Spettur A. Borg.
**Membri:**
Surġent-Maġġur 111 C. Micallef.;
Surġent 429 R. Cilia;
Surġent 496 G. Borg;
Surġent 1303 G. Scicluna;
Kuntistabbli 1141 J. Cassar;
Kuntistabbli 1363 W. Spiteri;
Kuntistabbli Mara 23 J. Moore.

***Rapport mis-Surġent***
**649 M. SALIBA**
***Segretarju, Assoċjazzjoni tal-Pulizija***

□ DIN hija l-ewwel ħarġa tal-Magazine tagħna għas-sena 1987. Ta' min isemmi li s-sena li għaddiet ma tantx hemm x'wieħed isemmi fuq dak li għamlet l-Assoċjazzjoni, dan għaliex l-aktar talba importanti li għada pendenti hija t-talba ta' l-Assoċjazzjoni sabiex tiltaqa' mal-Prim Ministru dwar diversi talbiet li għadhom pendenti. Dawn it-talbiet għadhom l-istess talbiet li l-Kumitat tal-M.P.A. ta' 1985 kien ħejja u approva b'akklamazzjoni kbira u li dawn kienu wkoll ġew approvata fis-sena 1986. Fil-bidu ta' din is-sena l-Assoċjazzjoni reġa' talbet sabiex din il-laqgħa sseħ u fuq dan kitbet fit-2 ta' Jannar.

Is-sena l-oħra fl-14 ta' Novembru, ktibna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex l-entitlement tal-Vacation Leave jiżdied b'ġurnata oħra li l-10 ta' Frar ġiet meqjusa bħala btala publika.

Kif jaf kulħadd l-Extra Duty is-sena li għaddiet reġgħat ġiet introdotta u dan wara li l-Assoċjazzjoni għamlet diversi talbiet għal dan, u kienet ukoll l-għajnuna li ġiet mill-Kummissarju tal-Pulizija li dejjem wera li fehem it-talba tagħna.

Rigward l-Extra Duty fuq talba tagħna ukoll ġiet imdaħħla bħala kundizzjoni fil-permess tal-Pulizija sabiex fis-swali ta' tiġijiet jiġi ddettaljat Pulizija fuq Extra Duty b'hekk issa li l-okkażjonijiet ta' l-Extra Duty naqsu ferm minn mal-Banek ikun hemm postijiet oħra fejn wieħed ikollu l-opportunità jaqla' xi ħaġa żejda bl-Extra Duty.

Din is-sena l-Kumitat preżenti bi ħsiebu jinsisti aktar sabiex il-kundizzjonijiet ta' xogħol ta' l-istess Korp jitjiebu u fl-istess ħin b'mod responsabbli jara li dan ikun jirrifletti fuq l-effiċjenza ħalli l-pubbliku jkun moqdi aħjar.

### MALTA POLICE OFFICERS' MESS COMMITTEE

**President:**
Suprintendent C. Bonello;
**Viċi-President:**
Spettur D. Stubbings;
**Segretarju:**
Spettur K. Ellul Bonnici;
**Asst. Segretarju:**
Spettur A. Borg Caruana;
**Teżorier:** Spettur J. Rizzo;
**Asst. Teżorier:**
Spettur A. Casha;
**Inventarju:**
Spettur J.M. Azzopardi;
**Rappreżentant fuq il-Police Social Club Committee:**
Spettur N. Schembri.

### POLICE MAGAZINE EDITORIAL BOARD

**President:**
Spettur N. Schembri.
**Editur:** Surġent 307 J. Calleja;
**Membri:**
Spettur J. Agius;
Surġent-Maġġur 419 C. Sciortino;
Surġent 649 M. Saliba;
Surġent 1303 G. Scicluna.

### MALTA POLICE ASSOCIATION

**President:** Spettur R. Zammit;
**Viċi-President:**
Surġent 1303 G. Scicluna;
**Segretarju:**
Surġent 649 M. Saliba;
**Asst. Segretarju:**
Surġent Maġġur 72 R. Micallef;
**Teżorier:**
Kuntistabbli 1363 W. Spiteri.


Get the most out of life with
HOPLEAF
BREWED & BOTTLED BY
SIMONDS FARSONS CISK
MRIEHEL MALTA
HOPLEAF
PALE ALE
A quality beer from FARSONS

GATT

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

GENERAL BUILDING CONTRACTORS

**FORT ROAD, MOSTA, MALTA**

Telephone 441132-440111

Cables: Limestone

# IL-BINI TAD-DEPOT QABEL MA GHADDA F'IDEJN IL-KORP TAL-PULIZIJA

☐ IL-PULIZIJA żgħażagħ li twieldu wara l-gwerra, qajla jgħarrfu il-bini tad-Depot kif kien imġarraf bil-ħidma ta' l-għadu. Sa dak iż-żmien ma kienx għadu Depot tal-Pulizija.

Fis-sena 1734 il-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena kien bena palazz fl-inħawi ta' Balzunetta, il-Furjana, għaliex fih jiltaqgħu u jgħixu flimkien dawk ix-xebbiet li minħabba l-faqar kbir li kien hawn, kienu joħorġu jaħdmu biex jaqilgħu x'jieklu u jgħinu lil nieshom. Bosta drabi wħud minnhom kienu jaslu biex jitilfu ġieħhom ukoll. Għaldaqshekk li l-Gran Mastru bena dak il-palazz, li beda jissejjaħ bl-isem ta' **Conservatorio**, fejn dawk ix-xebbiet ikunu jistgħu jitgħallmu sengħa, u meta jaslu biex jiżżewġu, kienet tingħatalhom ukoll dota.



*L-Isptar Ċentrali – illum id-Depot tal-Korp tal-Pulizija – milqut fit-Tieni Gwerra Dinjija.*

Għadda ż-żmien, il-gżejjer Maltin bidlu l-bandiera darbtejn, u fis-sena 1825 biddlu isem dik l-istituzzjoni f'dak ta' **Casa d'Industria**, id-dar tas-snajja'.

Fis-sena 1836 kienet waslet hawn Malta Kummissjoni, magħrufa bl-isem ta' Austin & Lewis, biex tħejji x'passi kellhom jittieħdu għar-riforma fl-amministrazzjoni tal-gżejjer.

Inzerta li s-sinjura Austin, il-mara ta' wieħed mill-Kummissjoni Ingliża, Sir John Austin, kienet ħadet interess kbir f'Malta, li b'riħet is-suġġerimenti għaqlija li kienet tat, setgħu jitwettqu wħud mir-riformi. Hi kienet tat parir li dik l-istituzzjoni Casa d'Industria kellha tispiċċa u tagħlaq. Għalhekk dawk ix-xebbiet intbagħtu f'imkejjen oħra. B'hekk fis-sena 1850 wara li kienu bidlu ħafna mill-istruttura tal-bini tiegħu, għamluh sptar, bl-isem ta' **Central Civil Hospital**, u ġabu fih dawk il-morda li kien hemm fl-isptar ċivili fil-Belt, u lin-nisa mill-Casetta, kif kienu jsejħulha dak iż-żmien.

Għadda ż-żmien, u aktar ma bdiet titkattar il-popolazzjoni aktar kiber il-mard, u dak il-bini kellu jerġa' jinbidel xi ftit biex aktar jimmodernizzawh. Hekk sar fis-sena 1879, u mal-milja taż-żmien baqa' jikber u aktar jersaq lejn il-progress.

Nhar l-10 ta' Ġunju 1940 faqqgħet il-gwerra, u l-gżejjer tagħna sfaw qishom quddiem nett biswit l-għadu, li xerred biża, nies jixterdu minn djarhom biex jieħdu kenn band'oħra, u suġġetti għall-bumbardamenti mill-ajruplani ta' l-għadu. Fix-xahar ta' Mejju 1941 l-Isptar intlaqat bil-bombi, kif jidher fl-istampa, u kellhom jittrasferixxu l-morda fil-Conservatorio Vincenzo Bugeja, il-Fleur-de-Lys.

Kif imbagħad spiċċat il-gwerra, u kien infetaħ l-isptar il-ġdid ta' **Saint Luke**, fi Gwardamanġa, il-bini ta' l-isptar il-qadim għadda f'idejn il-Pulizija.



Illum id-Depot tal-Pulizija huwa wieħed mill-isbaħ palazzi li baqgħalna minn dawk ta' żmien il-Kavalleir ta' Malta.

# A RANGE OF ADVANCED AUTOMOTIVE LUBRICANTS UNDER ONE GREAT NAME...

TOTAL

*MEETING TODAY THE LUBRICATION DEMANDS OF TOMORROW.*

**Authorised Distributors in Malta:**

**MED STAR LIMITED**

ST. ANTHONY STREET,
SAN GWANN,
MALTA.

# ALFRED CACHIA

**GENERAL MERCHANT**

**IMPORTS & STOCKISTS**

PART OF ASSOCIATED DISTRIBUTORS

23,24, 27 SPENCER HILL, MARSA

TEL: 227422

- ***S I L Non-Scratch Scouring Powder***
- ***A.D.L. Jam Products***
- ***HANS STEINHAUSER Cheeses***

# GEORGE BARTOLO LIMITED

10, MILE END STREET, ĦAMRUN

TEL: 628620

**GENERAL AND FOODSTUFFS WHOLESALER**

# THE HISTORY OF PHOTOGRAPHY

**By MARIO SCHEMBRI** PART 7

## COURT PROCEDURE

The usual procedure for taking the evidence of a photographer witness: When the officer takes the stand, he first takes the oath-unless objecting of doing so, if so a form of declaration may be substituted. Then he gives his name and profession or official status. He then states where, when and of what he took the photographs to the Magistrate or the Judge. He then is asked to describe each and every photograph. He then check his signiture at the back of the photo. When confirmed in the presence of the accused in the case of Magistarial sittings, he is then subject to cross-examination.

The desired sizes for the normal photographs to be used in evidence in Court are 5''x7'' both in black & white or in colour, coloured polaroid prints are also acceptable, no other size is desired, one reason is that the size of the envelopes must be to accomodate the 5 x 7 prints, otherwise they would not fit in the jacket file of the Process Verbal or any other documentation.

## EVIDENCE BY PHOTOGRAPHS

The purpose for which photos are produced in legal proceedings and used in evidence:

1. The provide a record of something that it would otherwise be difficult or impossible for the Court to see...ie... Scene of Crime, Traffic accident, Homicides or Suicides etc....

2. To present the result of an experiment or test-in many cases made in a laboratory. Such as photographs demonstating the similarity in finger-prints, foot-prints, tool-marks, fired bullets or cartridge cases etc.....

3. To show something that only photographs can reveal infra red photos and photos taken with unusual filters.

The Court is not concerned with how such photographs are taken; it deals only with their use as evidence in the Courts.



*... The photographer should simply record what is in front of his camera...*

There must be no handwork on either negatives or prints to be used in evidence. Simple shading control is permissible during printing, but there must be no spotting even if there are mutiple pinholes in the actual negative. There should be no reconstruction of the scene for photography. No attempt should be made to replace anything previously displaced. The photographer should simply record what is in front of his camera and explain any discrepancy between what the photo shows and what the witnesses describe. There is no room for ingenious technical tricks. All work should be as straightforward as possible. All photographs must be produced under laboratory conditions. The avarage photographer should always assume that while the members of the Court may know everything about law, but they know little or simply nothing about the technicalities sometimes confusing of photography.

## POISONS

Various chemicals used in photography need special care in handling owing to their poisonous nature. The sale of some of these is governed by law. Substances controlled by the Pharmacy and Poisons Act, 1933, are set out in the Poisons List and are the only poisons for the purpose of the act.

## CATEGORIES OF POISONS

The Poison List is divided into two parts.

Part I – sold only by chemists (authorised sellers of poisons).

Part II – sold by authorised sellers of poisons and listed sellers of poisons.

When a person requires a substance for other purpose than his trade or business, he must be known to the seller. In addition he must, before the delivery of the poison, affix his signiture to an entry made by the seller in the Poison Register.

Any photographic chemical which is termed as poisonous must when sold be labelled with POISON or other prescribed indication of character either in red letters or set against a red background.

## THE COLOUR OF DAYLIGHT

The atmosphere always contains a certain amount of water vapour. Finely divided droplets of water in this form act as a colour filter letting yellow, orange, red and infra-red through and reflecting blue, violet and ultra-violet rays. When looking at the sun through mist or fog, you see it as an orange-red disc, while if you stand with your back to the sun, the mist itself appears blue-white. A car head-

# THE HISTORY OF PHOTOGRAPHY

lights as seen through the fog appear as dull orange, but the driver see it as dazzling white.

So the water vapour in the sky tends to colour the daylight orange and rob it of blue rays. So the more vapour the light has to shine through, the more orange the daylight appears.

Morning and evening light are both inclined to be redder than broad daylight. When the sun is low down on the horizon its rays travel obliquely through the vapour layer and to pass through more of it.

## COLOUR TEMPERATURE

The colour temperature (Kelvin Scale), expressed in deg., is the temperature on the absolute scale (deg. C. + 273) to which a perfect black body radiator would have to be heated to emit light of the same colour as the light source in question. (A perfect black-body radiator is one which does not reflect any light falling on it).

The lower the colour temperature of a source, the richer the light is in the yellow and red rays;

The higher the colour temperature, the richer it is in the blue rays. Colour temperature is important in colour photography as colour films are sensitized to give a true colour. Thus some films are balanced for a colour temperature of 6,000 deg.K. (daylight), while others are balanced for 3,200-3,400 deg.K. (tungsten or photoflood light).

The colour temperature of a light source can be modified by special filters, which absorb some of the blue or some of the red end of the spectrum. Filters of this type are know as Photometric or Light Balancing filters. For overall correction, they may be used over the camera lens instead.




*... Any photographic chemical which is termed as poisonous must, when sold, be labelled with POISON...*

## MIRED VALUES

Micro-Reciprocal degrees. The Mired value of a light source is its colour temperature in degrees Kelvin divided into 1,000,000 Thus a C/T of 5,000 deg.K. corresponds 1,000,000/5,000 = 200 Mireds and 3.200 K to about 313 mireds.

## DAYLIGHT

Direct sunshine at noon in the middle of the Maltese summer has an intensity of more than 10,000 foot candles-equal to more than 400 photoflood lamps placed less than 6ft. away from the subject, and almost a 1,000 times stronger than the artificial illumination in an ordinary living room. When the sun is highest in the sky, the light is the strongest-in June..... While when it is in the lowest position the light is the weakest-December.

## COLOUR PHOTOGRAPHY

Until the negative-positive processes were introduced, the reversal transparency was the most (if not the only method) widely used method of making colour photos, in spite of the fact that the results required to be projected or at least illuminated from behind. Colour printing of the highest quality was highly expensive due to the laborious colour seperation method. In the evolution of colour photography, the reversal transparency is equivalent to the Daguerreotype for which a silver plated metal sheet formed the sensitive surface. In reversal colour transparency it is similarily unique. Unless several exposures are taken at the same time, extra copies can only be obtained by rephotographing the original transparency by printing upon reversal print-material.

## THE COLOUR FILM

The colour film is composed of a colour emulsion of one basic colour upon another. Practically there are three basic colour, inevitably three layers of seperate colour emulsions on top to each other. Bonded together upon a strip of cellulose plastic, gelatined and coates with antihalation backing.

## NEGATIVE PROSESSING

The processing of colour negatives follows a broad general pattern which is common to all makes of film. Through the particular formulae, the times of immersion and the necessity for various intermediate baths varies. The principal steps are:

Colour Development.... Stop-Bath.... Thorough Washing.... Bleaching.... Washing... Fixing... Final Wash.

The Kodak Process C-22 for S and L types of film and the Agfa CN 17 and CNS neg films and the NPSI processing are now absolete. The Kodak have come up with a formulae The C 41 Colour Process. It is capable of developing any kind of colour film on the market.




Forsi ilek ittella' u tniżżel li jkollok id-dar tiegħek. Wasal iż-żmien li twarrab il-ħolm fil-ġenb u tagħmel pass il-quddiem biex tikseb id-dar tiegħek.

Lohombus Corporation Limited tista' tgħinek biex tixtri jew tibni darek billi toħroġlok self għal tul ta' żmien skond il-mezzi tiegħek.

Tista' tikseb informazzjoni sħiħa mill-uffiċju tagħna u mill-fergħat kollha tal-Bank of Valletta Limited u tal-Mid-Med Bank Limited f'Malta u Għawdex.

LHB **LOHOMBUS CORPORATION LIMITED**

**Development House, Floriana. Tel: 620412/3, 605013.**

# Wagner PiCo-Bel
## Cordless Power Painter










Clearly PICO-BEL is unsurpassed in its versatile uses. PICO-BEL is not only a pleasure to work with, it beautifies and maintains the value of your domestic equipment and home environment. PICO-BEL does not tie you down to a source of power, is child's play to handle and always ready for duty. PICO-BEL quickly pays for itself.




*Sole Agents and Distributors:-*

**Carmelo Gauci Ltd.**

IMPORTERS OF ALL KINDS OF TIMBER
PLYWOOD, BLOCKBOARD, CHIPBOARD, HARDBOARD,
LAMINATED PLASTICS, FURNITURE & DOOR FITTINGS,
WOODWORKING & ALUMINIUM MACHINES.
"CARGA", NEW STREET, OFF QORMI RD. ST. VENERA. TEL: 445717 — 443861.

**NO DIY TOOL CAN DO MORE**






Manufacturers of:
**OLYMPIC**
quality stationery

MORONI STR. GZIRA TEL: 330869

# IL-PULIZIJA U L-EŻERĊIZZI FIŻIĊI

**☐ KIF AĦNA ĦBIEB! Nispera li kellkom festi mill-isbaħ u ftit ħin aktar mis-soltu biex tifirħu mal-familji tagħkom. Nispera wkoll li ma xrobtux iżżejjed u ma ffungajtux fl-ikel, speċjalment fejn jidħol ħafna zokkor. Jekk dan huwa l-każ, allura wieħed irid jistinka u jagħmel aktar eżerċizzi fiżiċi.**

## MIS-SURĠENT 442 RAYMOND ZAMMIT

Niġu għall-eżerċizzi ta' din id-darba, biss qabel nibdew nixtieq ngħid li ninsab fiduċjuż li kienu ħafna dawk li ppruvaw u qegħdin jipprattikaw l-eżerċizzi ta' l-aħħar ħarġa ta' dan il-magazine, kif ukoll dawk ta' l-ewwel darba li ltqajna fl-ewwel parti. Ibqgħu irrepetu l-eżerċiżżi kollha mill-bidu nett, inkluż dawk li għamilna fl-ewwel parti fil-ħarġa ta' Settembru/Ottubru 1986.

Ftakru dejjem – kunu ċerti minn dak li qegħdin tagħmlu, u li tagħmlu, tagħmluhx bilfors. Jekk tagħmlu dan, ma tkunux qegħdin tagħmlu ġid iżda tkunu qegħdin taħlu ż-żmien. Ftakru ħbieb, dik l-imbierka ġirja tiskartawhiex u jekk wieħed kultant isib xi daqsxejn ta' tela' wieqfa, ma jagħmilx ħażin.

Illum niġu għal xi ħaġa oħra ġdida, ma ninsewx – eżerċizzi għal ġewwa d-dar.

1. L-ewwel eżerċizzju ġdid li sejrin inżidu huwa dan li jissejjaħ SKIPPING THE ROPE u jidher Fig. K.

Sibu daqsxejn ta' ħabel ħxuna ta' bejn wieħed u ieħor 7mm u li ma jkunx ta' materjal li jinbaram. Dan irid ikun ta' tul daqs darbtejn it-tul tal-persuna tiegħek. Ara li fil-kamra m'hemmx ostakoli li jistgħu jaqbdu mal-ħabel u ibda aqbeż bil-mod. Għamel dan għal bejn ħames (5) u għaxar (10) minuti. Min jagħmel dan l-eżerċizzju jkun qisu għamel ġirja ta' bejn wieħed u ieħor 25/30 minuta. Dan huwa eżerċizzju tajjeb ħafna għal dawk li għandhom ftit tal-ħxuna żejda.




L

2. It-tieni eżerċizzju li sejjer nagħtikom huwa daqsxejn iebes aktar mill-oħrajn, biss wara li wieħed ikun diġà nħall ftit bl-eżerċizzji ta' qabel, m'għandux isibu daqshekk diffiċli.

Dan it-tieni eżerċizzju tal-lum insejħulu STRESS EXERCISE. Dan isir hekk: Għal dak li għandhom taraġ fid-dar, wieħed għandu jibda tiela' u nieżel it-taraġ mill-anqas għal ħames (5) minuti bla waqfien ta' xejn. Importanti li kemm meta wieħed jitla', kif ukoll meta wieħed jinżel it-taraġ, dejjem għandu jagħmel dan tarġa tarġa, u jekk jista' jkun dejjem jimxi fuq il-'Ballun' tas-sieq. Għal dawk li ma jafux x'inhu l-'Ballun' tas-sieq, dan huwa dik il-parti li wieħed isib wara s-swaba tas-saqajn (Fig. L). Nirrakkomanda li dan l-eżerċizzju jsir bl-akbar serjetà, għax wieħed juża' ħafna nifs u kultant jibda jaqta' qalbu malajr.

Nissuġġerixxi wkoll li dan l-eżerċizzju jsir meta tkunu ftit



M



K

membri fid-dar, jekk le, tagħtux każ ta' xi kummenti li jistgħu jsirulkom, – speċjalment mit-tfal! Għal dawk li m'għandhomx taraġ, li jistgħu jagħmlu huwa li jaqbdu kaxxa tal-luminata vojta, jaqilbuha ta' taħt fuq, u jibdew jaqbżu daqqa fuq sieq u daqqa fuq l-oħra. Dejjem ftakru li s-sieq li togħla, tintrefa' dejjem sa wiċċ il-kaxxa li semmejna aktar 'l quddiem (Fig. M).

3. It-tielet eżerċizzju ġdid din id-darba jixbah ħafna lil eżerċizzju li għaddejtilkom fil-ħarġa ta' qabel u ssibuh mmarkat Fig. F. u Fig. G. Dan l-eżerċizzju jissejjaħ KNUCKLES FLOOR DIP (Fig. N.).

Dan l-eżerċizzju jgħinna ħafna sabiex insaħħu l-pali ta' jdejna, kif ukoll il-partijiet l-oħra li semmejna (Fig. F). Hu l-pożizzjoni murija Fig. N., b'idejna magħquda ponn, u fuq l-ewwel żewġ għaksiet ta' swaba murija Fig. N. Oqgħod dritt, tħares dejjem 'il quddiem, u nibdew nagħmlu speċi ta' Press Ups, biss importanti li meta ninżlu lejn l-art, ma nmissux is-sider u l-kuxxtejn ma' l-art, u b'hekk niġu fil-pożizzjoni murija Fig. G, biss b'idejna

## IL-PULIZIJA U L-EŻERĊIZZI FIŻIĊI


N

magħquda ponn. Dan l-eżerċizzju irridu nagħmluh tliet darbiet wara xulxin, u ħames (5) jew tmien (8) repetizzjonijiet kull darba. Intervall ta' żewġ (2) minuti min eżerċizzju għal ieħor huwa biżżejjed. Importanti wkoll, ħbieb, li metta nagħmlu dan l-eżerċizzju ma nagħmlu xejn taħt idejna – bħal per eżempju, ċarruta, xugaman, foam, eċċ., għax b'hekk ma nkunux qegħdin inrabbu dik iċ-ċerta għebbusija f'idejna.

4. Ir-raba' eżerċizzju jixxiebah ukoll ma' ta' qablu, u ma ieħor fil-ħarġa ta' qabel din. Dan insejħulu FINGERS FLOOR DIP (Fig. O).

Kull ma wieħed għandu jagħmel huwa li jerġa' jieħu l-istess pożizzjoni ta' qabel, biss, din id-darba minflok b'idejh magħquda ponn, joqgħod fuq il-ponot tasswaba taż-żewġ idejn. Hawn wieħed irid ikun onest miegħu nnifsu, u jkun ċert li qiegħed fuq ponot subgħajh – u mhux fuq il-pali ta' jdejh. Jekk wieħed ma jkunx qiegħed fil-pożizzjoni tajba kif mitluba fl-eżerċizzju, dan ma jkun qiegħed jagħmel xejn ħlief jidħak bih nnifsu.

Għalhekk importanti li ġaladarba iddeċidejna li nagħmlu dawn l-eżerċizzju, nagħmluhom sewwa u kif mitlub minna. Ħudu pożizzjoni tajba minn kull angolu u ibda nieżel bil-mod sakemm tiġu fil-pożizzjoni murija Fig. P. Erġa' qum għall-pożizzjoni li kont fiha qabel. Minn dawn għamlu ħamsa (5) jew għaxra (10) reps kull darba, u rrepetu għal tliet darbiet. L-istess intervall ta' żewġ (2) minuti minn sett għal ieħor huwa biżżejjed.

5. Il-ħames eżerċizzju li għandna għalikom insejħulu LEG RAISE MID-SECTION 2, (Fig. Q).

Dan l-eżerċizzju wkoll jixxiebaħ ħafna ma' dak diġà muri fil-ħarġa ta' qabel (Fig. J). Kull ma wieħed għandu jagħmel huwa li joqgħod dritt minn tulu ma' l-art, idejh it-tnejn fuq l-istonku tiegħu, r-ras 'il fuq kemm jippermettilu l-għonq, saqajh ma' xulxin bil-ponot ta' subgħajh miġbudin lura, u s-saqajn maqtugħin 'il fuq mill-art bejn 10-15 il-ċentimetru. (Fig. Q). Meta tiġi f'din il-pożizzjoni, nirrepeti, saqajkom tmissuhomx ma' l-art, ibdew ifthu saqajkom bil-mod sakemm tistgħu, biss oqogħdu attenti s-saqajn iżżommuhom l-istess għoli. Wara, erġgħu għalquhom għal


P


O



Q

# Ittra/Apprezzament lil PC 525 Toni Fenech

**Walter Camilleri PC 35**
**Għassa tal-Pulizija,**
**Żabbar.**

**Għażiż Toninu,**

**Int kif tagħmilhom l-affarijiet? Dan kif, filli tkun magħna, u f'daqqa waħda tgħib minn fuq wiċċ din l-art? Ma ridtx nemmen li int kellek tħallina hekk, kiesaħ u biered, ġimgħa wara s-Surġent Albert Dalli. (PS 1)**

Mela ċempilli l-pulizija Salvu Attard, seħibna li qiegħed magħna l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar, u qalli xi ġralek. Ma ridtx nemmnu, u bqajt ninsisti li "... din kienet xi ċajta goffa." U balleċ, kelli nemmnu, malli nfaqa' jibki bħal tarbija, u ma setax ikompli jgħidli x'kien ġralek. Salvu kien iħobbok ġenwinament, kif konna u għadna, aħna ta' Ħaż-Żabbar, il-Korp tal-Pulizija, u min kien jafek.

Għax kont baħbuħ, u tgħin kif tista'. Kont taf taħdem u tgħin lil sħabek ta' kull rank bla distinzjoni ta' xejn. U għax konna viċin tiegħek, nistgħu nitkellmu aħjar.

Ngħid għalija, qatt ma rajt fik deni jew gambetti, u la lejja personali u lanqas lejn oħrajn. U minn dan biss ninduna, għaliex fl-Għassa tagħna kulħadd kien iħobbok. Kemm hi sabiħa l-għaqda u l-imħabba ta' bejn l-aħwa u l-bnedmin.

B'danakollu, Toninu, ma ninsiex kemm ġbidna saqajn xulxin! Imma għandi l-unur ngħid, anke f'ismek, li qatt ma żbirna jew tlewwimna. Anzi, dejjem spiċċajna nidħqu, u dan, mhux miegħi biss. Għax kellek natural simpatiku, li tinbex, imma li f'qalbek ma kellek xejn ħażin. Persważ minn dan. Għax id-daħq u ċ-ċajt, fi spirtu verament ċajtier, hu mediċina ħelwa li t'għaqqad fl-imħabba.

Jum qabel ma ħallejtna kont urejtni li ma kontx f'tiegħek. Riddtek tmur għand it-tabib u int ma ridtx. Mur obsor x'kien hemm lest għalik f'inqas minn jum.

Toninu, forsi llum għadek magħna, li kieku smajt minni. Però nieqaf nirraġuna hekk, għax jiena konvint, li, "il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi". Nemmen għalhekk li Alla, sat-28 ta' Novembru, 1986, riedek tkun magħna. F'dak il-jum riedek Miegħu, skond il-Pjan Divin Tiegħu.

Għażiż Toninu, il-mewt hi firda kiefra, li taqtek mill-familja u l-ħbieb għal dejjem. Imma jekk verament nemmnu f'Alla, bil-mewt tal-ġisem tagħna nieħdu pussess għal dejjem tas-sema, fil-Glorja mal-Ħallieq, fejn minn qalbi nawguralek li diġà qiegħed. Għalhekk, il-mewt ma tibqax aktar "firda kiefra".

Nitolbok taħfirli jekk xi darba nqastek. Int diġà ġejt iġġudikat ta' egħmilek minn Alla l-Ġust, li nemmen li ma nesiex it-tajjeb tiegħek, u għalhekk, minn hemm fuq, itlob għalina. Min-naħa tagħna, ma nonqsukx.

Nawguralek il-qawmien fi Kristu.

Ħabibek,
Walter Camilleri.

## IL-PULIZIJA U L-EŻERĊIZZI FIŻIĊI

pożizzjoni li kontu qabel.

Nista' ngħidilkom minn issa li f'dan l-eżerċizzju wieħed jista' jħoss xi wġiegħ fl-istonku, biss dan mhu xejn għax kif tidraw tagħmlu dan l-eżerċizzju, dan ma jibqax jinħass. Irrepetu għal tliet darbiet u kull darba għamlu minn 10 sa 20 reps. Bl-istess pożizzjoni kif tidher Fig. Q, – saqajna ma' xulxin, niġbdu l-pali ta' saqajna lura kemm nistgħu, ħalli ftit sekondi jgħaddu u wara itfgħuhom 'il quddiem kemm tistgħu. Irrepetu dan għal 15-20 darba.

Ma ninsewx, ħbieb, biex wara li tkunu spiċċajtu l-eżerċizzji għal dik il-ġurnata, tħallux għaraq jinxef magħkom. Ħudu doċċa tajba, ilbsu xi ħaġa ħafifa u oqogħdu għal ftit tal-ħin mistrieħa.

Għal-lum naħseb li għandkom biżżejjed x'tagħmlu u tippruvaw. Niltaqgħu fil-ħarġa li jmiss, sadanittant, saħħa.


# APPELL

Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta qiegħed jippjana u jaħdem fuq proġett sabiex jiġi mwaqqaf

***MUŻEW TA' OĠĠETTI U STORJA TAL-KORP TAL-PULIZIJA***

fejn jiġu esibiti materjal, ta' liema natura jkun, li għandu x'jaqsam ma' l-istess Korp.

Għalhekk, nistiednu lil dawk kollha li jgħandhom xi oġġetti, bħal Ritratti Qodma, Dokumenti, Midalji, Badges, Ilbies eċċ., li jistgħu jirregalawhom, jew jisilfuhomna ħalli nieħdulhom ritratti, sabiex jagħmlu dan, biex il-Mużew jiġi attrezzat kif inhu xieraq.

Min igħin f'dan ir-rigward, ismu jitniżżel f'Album ta' Tifkira fis-Sala ta' l-Esibiti.

Nirringrazzjawkom minn issa.




From Malta you can dial direct to GREECE (Code No: 030); FRANCE (Code No: 033); ITALY (Code No: 039); HOLLAND (Code No: 031); BELGIUM (Code No: 032); SWITZERLAND (Code No: 041); U.K. (Code No: 044); and WEST GERMANY (Code No: 049).

(*) To save 25 you can phone from Mondays to Saturdays from 9.00 p.m. to 8.00 a.m. Sundays ALL DAY

telemalta corporation

TELEMALTA OFFICES AT PACEVILLE ARE OPENED 24 HOURS A DAY FOR TELEXES - TELEGRAMS - OVERSEAS CALLS

**Lm3,500** .......................... fil-

**Lotterija tal-Ġimgħa**

L-Ewwel Premju Lm2,000
Żewġ Premjijiet ta' Lm500
Ħames Premjijiet ta' Lm100

Imtella' kull nhar ta' Ġimgħa fis-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar.




# Middle Sea Insurance

## SERVICE & SECURITY

*Middle Sea Insurance – Malta's first insurance company – is now offering a full and competitive service that covers most classes of insurance, including special policies for home owners and shopkeepers.*

*Entrust the things you value to the people you can trust, a Maltese company specialising in absolute security with efficient service.*

*Rely on its international experience.*

MIDDLE SEA INSURANCE CO. LTD. – MALTA –



*Middle Sea House, Floriana*

**Middle Sea Insurance** Tel: 626262



# FIREARMS

By
P.S. 1315
E. SAMMUT
(BALLISTICS UNIT)

PART 3

**☐ AFTER part 2 of this series, I decided to put aside some of the Webley Models to shorten the Webley History, until it came to my knowledge, from quite a good number of readers and colleagues that they never imagined that so many different Webley Models were made.**

**Obviously now I have committed myself to fulfill the desire of these faithful readers and colleagues.**



*Webley .45 No. 2 British Bulldog*

The BRITISH BULLDOG Double-Action Models. The 'Bulldog' models were one of Webley's more successful designs. The model was in production from 1878 until 1914, in a variety of types, all displaying the same general virtues of toughness and dependability. From the first, the 'Bulldog' was intended as a civilian pistol, although there seems no doubt that at least one of the mounted infantry regiments in South Africa were issued with it. As a rule, however, the Bulldogs were only disposed of through retailers throughout the Empire and the rest of the world.

It was short-barrelled five-chambered revolvrer of large calibre, with a distinctive curved butt. It was copied and made in several countries, both in rimfire and centrefire, and some manufacturers even made special ammunition for it.



*Webley .45 Tower Bulldog*

FIRST MODELS 1878. The first model, in .442 centrefire was quickly followed by a .450 centrefire and .44 rimfire, all these three versions easily identifiable by the fact that their cylinders are smooth and not grooved. The only other "Bulldog" to have a smooth cylinder was a .320 model produced in 1880. This was a smaller version of the .450 model.

SECOND MODELS 1883. The 1883 model is generally known as the third model, the first two being the .442 and .450 of 1880. There were differences between the second and third models, the first was that the cylinder was grooved, thereby saving a little weight, and the second was the fact that the butt was longer, This last feature was probably welcomed by the amjority of owners,

recurred on subsequent models, and became a recognition mark. The hinged load-ing-gate locked the hammer at half-cock when it was opened, and when the hammer was cocked it locked the gate shut. The hammer rebounded under the influence of the tail of the main spring, and the cylinger was securely locked by a positive stop at the moment of firing.

The stock was one piece of walnut, and there was a lanyard ring on the butt plate. All told, it was a throughly serviceable weapon of generous dimensions and considerable resistance to rough use and wear.

At the same time as the previously described revolver was being sold, Webleys produced another for the same potential market and called it 'Webley's New Model Army Express', which can be done little to help the possible customer. The new Model weighed 38 oz. and was modelled ont he same lines as the original 'Express' that is, generously. The octagonal barrel was screwed into the frame and fitted witht he same ejector-rod as the former version. The most noticeable difference between the two 'Express' revolvers is in the butt. In the new model, it is a curved bird's head rather like an enlarged version of that on the 'Bulldogs' and the 'Pug' and the stock is in two pieces held by a single screw. A lanyard ring of oval shape is fitted, to take a flat leather strap. These 'New Express' Models were chambered for the usual .450/.455, and also for the .476.

This type of revolver was issued to units of the South African Republic in the mid 1880's and a few were fitted with Silver & Fletcher safety hammers and extractors. Another type used in South Africa, and issued to the cape Mounted Rifles was a single-action version of the original 'Express'. This single-action weapon was made specially for the Regiment, and the action was modified using parts from the 'New Express' revolvers. The calibre was .476 and this seems to be the only type of single-action revolver produced in the solid-frame series.



*Webley .476*
*Webley-Kautmann*
*Late Model C. 1880*

An oddity in the Webley solid-frame range, and one which illustrates the firm's willingness to make to order, is a solitary example of a 12 inch barrelled model, fitted with a detchable stock. The revolver is quite out of the ordinary run of production, since it is chambered for the .44 Smith & Wesson cartridge, but it is interesting illustration of the gunmakers skill.

Double-Action Hinged Frame Models Webley-Kaufmann 1880.

Kaufmann was a talented weapons designer who became associated with Webley in 1878, and remained with them for three years. In that time, he introduced the first Webley top-break revolvers. There are certain features of these Kaufmann models which distinguish them fromt he others which were in production with Webley at that time.

The first feature is, of course, the top-break and its locking arrangements (Patent 3313, 29th July 1881,). This is ingenious, though one might say that it is a trifle too complicated. In essence, it is a three-part transverse bolt which passes through two lugs on the top of the standing breech, and also through a tenon at the back of the top strap. This bolt is pushed to the left by a spring, and is caused to lock all three items. When the unlocking stud on the left of the frame is pushed in, it moves the bolt to the right. The bolt is actually in three sections, and the and the joints of these sections come opposite the gaps between the tenon and lugs. The top strap can then be moved and the weapon unlatched. On return, the bolt is pushed across again by the spring, and the tenon is once again locked home. Although widely used, this arrangement must have been vulnerable to dirt.

The lock mechanism was simplified, which made for reliable and easy operation of the five main parts. Both ends of the main – spring were made to work, the fixed or standing end being used to return the trigger and pawl, and to rebound the hammer. The cylinder was positively locked by two separate methods, and there was a cam-operated ejectore which opened when the revolver was broken.

The first models were six-chambered double-action centre-fire revolvers, with barrels 5¾ inches long, curved birds' head butt in the express style, with lanyard rings for flat straps, and a general air of solidity and ruggedness, which the weight of 40 oz. certainly encourage. The calibre of this first model was .450 in.

The first model was soon followed by a second, in which certain improvements were made. The first change was in the barrel latch. The thumb stud of the first model was replaced by a more usual pivoting lever operated by the right thumb. This acted upon the same three-part bolt through the action of sloping surfaces, and was much easier to use. Another change was in the cylinder lock, which was simplified. In some of the revolvers, there was a safety device which prevented the opening of the cylinder while the hammer was cocked. There were several patents relating to these Kaufmann revolvers, dated between 1878 and 1881, and Kaufmann marked the weapons with his initials 'M.K.' and a number. This was stamped on the right of the frame inside a triangle, and it forms an easy recognition mark for the Kaufmanns. The second model was in .455 calibre and some some were made in .476. Although a popular type, the Kaufmanns were not made for long, but they form one more significant step in the refinement of the breech-loading revolver.

since the kick from a revolver firing a bullet of more than 200 grains, as these did, requires a firm hold.

THE PUG. The 'Pug' probably appeared before, or at the same time, at the first 'Bulldogs'. It was a rimfire five-chambered pocket revolver with a snub barrel and a generally squat appearance which gave rise to its descriptive name. The calibre of this first model was .410, and the barrel was 2-3/8 inches long. It was gateloaded from the right-hand side, and the empty cases were ejected by using a short rod which was carried in the butt, retained by a screwed knob on its end. The 'Pug' has an attractive appearance, being more streamlined than the other 'Bulldog', and the hammer is quite distinctive in the way in which the combis covered downwards following the line of the rear of the frame. The 'Pug' is a pure pocket pistol, and the frame is rounded and smoothed to prevent it catching in the clothing, but even so, there is a foresight on the barrel. It was also produced in .450 centrefire, and the difference between this and the rimfire model, apart from the cartridges is first, in the hammer. This has the more usual upturn to the comb and one might think that this would catch in the pocket, yet the second difference is that the foresight has been abondoned. Both 'Pugs' are of course, solid-frame revolvers witht he small curved butt which characterizes the 'Bulldog' series.

.450 TOWER BULLDOG 1885. This variant of the 'Bulldog' series seem to have been produced in only quite small numbers. It is little different from the general design of 'Bulldog', though the frame is slightly more angular and is extended behind the hammer and above the stocks to give a better grip. The hammer comb has a pronounced upward curve to it, more than any other 'Bulldog' and sufficient, one might conjecture, to catch in the largest pocket. Despite this the recognition feature of this revolver and the source of its name, is the Model name stamped ont he left



*Webley .455 No. 5 with Orange Free State Markings*

of the frame. There is the usual Webley trade mark and the words 'London Tower'. Above these words is a view of the Tower itself, stamped just forward of the cylinder. It seems that these 'Tower' models were sold with the name of the gunsmith prominently engraved on them, but few have survived.

These civilian revolvers can be roughly devided into two general categories, the first are the large holster revolvers which were bought by service officers, and the second were the smaller household protection or pocket models. Naturally, there was a variety of models to cover both vategories, and the firm would always make to special order. However, the larger holster models were made in .320 and .442 calibre. Both were heavy, but comfortable to hold because they were well balanced and had a large stock. A flat spring on the left side of the frame holds the hammer at half-cock, but can be over-ridden by pulling the trigger. The barrels were octagonal, the cylinders plain, and the stocks fully chequered. An ejector rod was stowed in the butt, held in by a screwed knob as with the 'Bulldog'.

The pocket or household revolvers were made in .320, .360 and .380 centrefire calibres, and a few in .442 rimfire. Barrel lengths varied from 2 1/8 inch to 7 inches for a target version of a .360 model. They were chambered for five or six cartridges, generally five for the pocket models. There are many of these revolvers remaining in both public and private collections, and they display a wide variety of special items which the owners requested. It must also be assumed that the various gunsmiths who sold these weapons were at pains to offer some special variant to attract sales. Thus there are special ejectors, special barrels, variations in the shape of the stock, and in some cases, variations in the shape of the strock, and in some cases, variations in the shape of the frame. However, all are basically the Webley solid-frame revolver directly derived from the R.I.C. original models.

## □ THE ARMY EXPRESS MODELS 1878

The Army Express revolvers were heavy, powerful weapons designed solely for service use. They were contemporary with, or just after, the Colt Army Model, and it is not possible to say now if they were in any way influenced by the American Model. The 'Express' porper was preceded by a six-chambered .450/.455 centrefire model, which was an advance on anything produced by the firm upto that date. This series is generally known as the Army Express Revolver, and it was not in production for very long. The barrel was six inches long. On the right was a spring-loaded ejector rod operated by a flat half-round plate on its front, a feature which

# GRIGORY YEFIMOVICH NOVYKH:

# RASPUTIN

## – END OF A MAD MONK



Russia's notorious "Mad Monk," Grigory Rasputin, whose resistance to assassination was almost miraculous.

**• Where he came from and what he really was no one will ever know. His name, Rasputin, was not given to him at birth. Rasputin means "debauchee", a name that this strange, unpredictable creature certainly earned. Born in a peasant home near Pokrovskoye, western Siberia, about 1872, Rasputin was to become Russia's most powerful leader, a sex-mad lunatic, and suffer not one, but four assassinations, all on the night of December 19, 1916.**

**Rasputin's given name was Grigory Yefimovich Novykh and early in his youth he joined and finally became a leader of a sex cult called Khlysty. The members of this demented group first beat themselves into bloody, pulpy messes (like the superstition-stricken flagellants of the Black Plague era) and then danced frantically around the earthen floors of peasant huts.**

Overcome by exhaustion the members collapsed and in a prone position ripped away their clothes like mad dogs attempting to catch their tails. Males and females then carelessly copulated. Husbands ignored their wives and grabbed the nearest female. Wives thrust themselves upon the closest male stranger. This weird rite ended when the dozens of pretzelized couples would at last climax down to the last dynamic duo.

Rasputin was usually in the center of the goings-on and he took one woman after another. He was capable of having nonstop sex with as many as thirty women each night, it was said.

The Orthodox Church of Russia finally condemned the excesses of the Khlysty sect. Through fear, most of its members ceased their orgies – everyone except Rasputin. His sexual appetite had increased so enormously that no man's wife was safe from his assaults. In addition, his sexual prowess caused him to believe that he was inspired by God and that he could actually work miracles if he chose.

The Church branded Rasputin a heretic and he was tried by the Church. But since little evidence and no witnesses (people were afraid even then of Rasputin's odd hypnotic powers) against him could be found, he was released. Rasputin suddenly took on the role of a roving holy man common in those days – referred to as staretz – and began a pilgrimage to St. Petersburg. It was really a way of escaping punishment for his gross offenses in western Siberia.

He walked more than a thousand miles until he came to the majestic home of the czars. He arrived in 1903 and immediately ingratiated himself with high-ranking churchmen, who introduced him to the flighty, fanciful aristocracy who lived in St. Petersburg's dream world. Here, Rasputin went back to old ways of debauchery. But this time he was more subtle. Seducing some count's wife under the guise of religious cultism could be dangerous.

The monk first gained a reputation as a hypnotist who could perform miraculous cures (mysticism then being in fashion). Discreetly, he led the high society women who patronized him into believing that anyone coming into physical contact with his body would be healed and purified. Naturally, complete purification would only come through intercourse and, according to reliable reports, almost all the ranking women of Russia's aristocracy in St. Petersburg had more than one round with him in bed.

There was one problem for these women other than secrecy: Rasputin smelled like an open latrine. The Mad Monk did not believe in bathing and sometimes went for months without washing his hands and face. He felt (or so he told his gullible patrons) that washing diminished his supernatural powers. His stench was so powerful that women literally bathed in perfume before going to see him, so that their own smells overpowered his.

**•To be continued in next issue.**

 Minn MARY

# L-EŻEMPJU JKAXKAR

**□ WARA li ltqajna għall-ewwel darba fil-ħarġa ta' Novembru/Diċembru b'din il-paġna f'dan il-Magazine, u kif mistenni u xieraq, tkellimna fuq diversi aspetti li jirrigwardaw il-mara u l-festi tal-Milied, illum bosta minnkom kienu qegħdin jipprevedu li se nikteb fuq kif il-mara trid tpatti għal xi ikel u xorb żejjed li tkun ħadet f'dawn il-festi – biex terġa' tnaqqas xi ftit piż żejjed li tkun żiedet b'riżultat ta' din it-traskuraġni.**

Iżda jien jidhirli li bosta minnkom diġà ħadu dan it-tagħrif minn xi mezz ieħor ta' komunikazzjoni – bħal gazzetti, magazines, TV, u għaldaqstant ħsibt sabiex din il-paġna nuża' għal kitba u tagħrif li għalkemm smajtu u qrajtu fuqu diversi drabi, qatt mhu biżżejjed li niktbu fuq dawn is-suġġetti, għax wisq nibża' li ċertu tagħlim għadna ma ħadnihx.

Kif diġà rajtu mit-titlu ta' dan l-artiklu – l-Eżempju Jkaxkar – dan, kif diġà għedna, mhux l-ewwel darba li smajna din il-frażi. Iżda, nistaqsu lilna nfusna, qegħdin nagħtu każu? Qegħdin nagħmlu l-almu tagħna sabiex f'din il-frażi nżidu l-kelma 'L-eżempju TAJJEB jkaxkar'?.

Diġà nafu mill-esperjenza li aktar huwa faċli li jiġi kkupjat l-eżempju ħażin, mhux l-eżempju tajjeb. Kieku mhux hekk, loġikament m'hawnx fid-dinja dan id-disgwid u gwaj li hawn madwarna.



*L-eżempju tajjeb għandu jibda fil-pedament... fid-dar.*

Iżda ejjew nikkonċentraw daqsxejn fuqna nfusna, fuq il-familja Maltija. U l-ewwel ma jibda l-eżempju huwa fi djarna stess. Aħna bħalha nisa Maltin u Għawdxin – speċjalment dawk li għandhom il-familja, qegħdin nagħtu każ ta' kif inġibu ruħna ma' żwieġna ġewwa u barra darnha, aktar u aktar fil-preżenza ta' uliedna? Wisq nibża' li minn dak li naraw u nisimgħu, ma tantx qegħdin nagħtu każ ta' din l-imġieba tagħna.

## INKUNU ONESTI

Mhux l-ewwel darba, per eżempju, li smajna tfal, ta' età tenera, anke ta' tnax/erbatax-il sena, jesprimu kliem u frażijiet baxxi, li tisimagħhom biss mingħand nies li suppost huma ta' età matura u serji. Nafu wkoll, li wara li waslu rapporti lil ġenituri ta' dawn it-tfal fuq l-imġieba verbali baxxa tagħhom, malajr jibda jeħel dak u l-ieħor – li dak id-diskors semgħuh mingħand ħbiebhom, – jew fit-triq, fli skola, fil-Playing Field.

**Iżda dawn il-ġenituri – inklużi aħna n-nisa, biex ħadd ma jgħid li jien preġudikata kontra l-irġiel – ikunu jridu kultant jgħattu x-xemx bl-għarbiel u jidħku bihom nfushom! Għaliex? Għax mingħajr ma nafu, jew nafu u ma nagħtux każ il-konsegwenzi, qegħdin inkunu aħna stess l-għalliema ta' l-istess uliedna b'vokabularju baxx. U dan meta? Kif jaf kulħadd, anke l-istess imsaren fl-istonku tagħna ta' spiss ikollhom xi jgħidu bejniethom, għax minn jiġbed 'l hawn, u min jiġbed 'l hemm! Aħseb u ara ħana l-bnedmin, li diżgrazzjatament kultant inkunu rridu nieklu lil xulxin.**

Kemm-il darba, per eżempju, jkollna xi ngħidu mar-raġel tagħna, għax ma naqblux bejnietna fuq diversi aspetti fil-ħajja ta' bejnietna. U arana, mingħajr ma nqisu kliemna, nibdew nitgħajru – u anke nużaw kliem baxx u vulgari. Dan minnu nnifsu diġà

•ikompli f'paġna 15

# ATTIVITÀ F'GĦELUQ IS-SENA 1986 ORGANIZZATA MILL-ENTERTAINMENT COMMITTEE TAL-KORP TAL-PULIZIJA

# SUĊĊESS FROTT IL-ĦIDMA

## □ CHRISTMAS PARTY GĦAT-TFAL

□ BĦAL snin oħra l-entertainment Committee ħaseb li jorganizza attivitajiet għall-membri tal-Korp u l-familjari tagħhom għaż-żminijiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. L-ewwel attività kienet il-party tat-tfal li sar nhar id-19 ta' Diċembru, 1986 fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana. Għal dan il-party attendew numru sabiħ ta' tfal ta' bejn il-ħamsa u t-tnax-il sena li ġew allegrati bil-Banda tal-Pulizija, Vanni Pulè, Delfini Ferrieħa, Film Shows, eċċ. It-tfal preżenti ġew mogħtija ħelu, xorb, u fl-aħħar ġew mogħtija rigali minn Father Christmas.

## □ ŻJARA MIT-TFAL FUQ AJRUPLAN

Attività oħra kienet iż-żjara fuq ajruplan tal-British Airways għat-tfal ta' bejn it-tlettax u l-ħmistax-il sena. Din l-attività saret possibli bil-koperazzjoni tal-Management tal-British Airways f'Malta li anke taw rigali lit-tletin tifel u tifla li fit-22 ta' Diċembru, 1986 żaru ajruplan ta' din il-kumpanija fl-ajruport ta' Ħal Luqa.

## □ CHRISTMAS DINNER DANCE

FL-istess ġurnata sar il-Police Christmas Dinner Dance ġewwa n-Nigret Night Club ir-Rabat. Mija u sittax-il persuna attendew għal dan id-Dinner Dance u kulħadd ħareġ sodisfatt.

## □ BALLU TAL-MILIED

Fis-26 ta' Diċembru, 1986 l-Entertainment Committee ħaseb li jorganizza s-soltu ballu għall-Pulizija, Pensjonanti, familjari u ħbieb tagħhom, li sar ġewwa l-Phoenicia Hotel il-Furjana.

## □ GRAND POLICE SHOW

Fis-27 ta' Diċembru, 1986 kienet il-ġurnata tant mistennija mill-membri tal-Korp tal-Pulizija li xtraw biljetti biex jattendu




IL-BANDA TAL-PULIZIJA



DEMIS ROUSSOS

## ATTIVITÀ MILL-ENTERTAINMENT COMMITTEE



IĊ-CHINOOK DANCERS

għall-Grand Police Show. Dan ix-show li ser jibqa' fil-memorja ta' kull, min attenda għalih kellu mistieden speċjali lil Demis Roussos. Dan kien wieħed mill-isbaħ shows li qatt rajna s'issa. Hawn ta' min isemmi wkoll il-Banda tal-Pulizija li hargu bl-unuri kollha, il-Police Musical Group li bħas-snin ta' qabel dejjem taw wirjiet tajba bil-kantanti WPC Anita Schembri u WPC Rita Falzon, Bayzo, John Rotin, u lill-grupp ta' Żeffiena mill-Ingilterra bl-isem ta' Chinook.

Minn din il-paġna l-Entertainment Committee jixtieq jirringrazzjaw lil kull minn b'xi mod jew ieħor ta' għajnuna tiegħu biex dan ix-show seta' jkun possibbli u b'suċċess kbir.

## □ NEW YEAR'S EVE DINNER DANCE

Fl-aħħar, il-Kumitat ta' l-Entertainment ħaseb ukoll li jferraħ lill-membri tal-Korp billi jorganizza Dinner Dance lejliet l-ewwel tas-sena li din id-darba sar ġewwa l-Old Villa Rosa. Għal dan id-Dinner Dance attendew 190 persuna fejn kielu u assistew għal programm ferrieħi.

L-Entertainment Committee jixtieq jirringrazzja lil dawk il-Pulizija li ferħu lill-membri ta' dan il-Kumitat għal ko-ordinazzjoni u x-xogħol li għamlu biex organizzaw b'tant serjetà u dedikazzjoni l-attivitajiet imsemmija hawn fuq.

**Il-Membri tal-Korp imfakkra li kopji tal-Kodiċi Kriminali u Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija jinsabu għall-bejgħ bil-prezz issussidjat ta' Lm2 kull ktieb**

## L-EŻEMPJU JKAXKAR

• minn paġna 13

huwa ħażin, huwa mod negattiv ta' kif wieħed jittratta l-problemi li jinqalgħu ta' kuljum fil-familja tagħna. Iżda dan l-atteġġjament ta' bejnietna jiggrava aktar meta preżenti fid-dar ikun hemm uliedna, għax ibqgħu ċerti li dawn fil-veru sens tal-kelma — jixorbu kull kelma li tkun qiegħda tingħad. U ħaġa ta' l-iskantament, liema kliem jirrepetu? Smajt tfal jgħidu lil ommom "Ma, jien inħobbok ħafna ħafna," iżda smajt ukoll tfal jużaw kliem baxx, vulgari u ta' disprezz lejn il-ġenituri tagħhom.

Dan hu każ wieħed biss ta' kif uliedna jistgħu jieħdu eżempju ħażin mingħandna. Ma kelli l-ebda intenzjoni li nagħmel omelija spiritwali fuq dan is-suġġett, għax mhux darba u tnejn smajna dan it-tagħlim minn fuq xi ambone. Ħassejt li din il-kitba tiegħi llum kienet bżonnjuża għax minbarra l-ħsara spiritwali li jġib miegħu l-eżempju ħażin, marbuta ma' din l-istess ħsara hemm il-ħsara wkoll materjali.

Hemm bżonn li nibdew nagħtu każ bis-serjetà l-eżempju li nagħtu lil ħaddieħor, speċjalment lil uliedna, biex għada pitgħada l-istess uliedna ma jġibux fuqhom xi konsegwenzi koroh minħabba għemilhom u diskorshom, u ta' dan aħna nibqgħu ngħixu b'dak ir-rimors f'ħajjitna u meta narawhom maqbudin fl-għawġ, ma jkollniex ħaġa' oħra x'nagħmlu ħlief ngħidu "Mea Culpa".

Jekk fl-aħħarnett dawk li qegħdin jaqraw dan l-artiklu huma nisa tad-dar li żwieġhom huwa fil-Korp tal-Pulizija, dan l-obbligu ta' l-eżempju tajjeb huwa obbligu doppju, biex fil-waqt li bħan-nisa l-oħra nagħtu l-eżempju tajjeb lil uliedna, nkunu ta' unur għall-istess żwieġna li xogħlhom huwa li jżommu l-Bon Ordni f'pajjiżna, għal ġid tagħna stess. Ma nkunux aħna stess, in-nisa tal-membri tal-Korp, li bil-kliem u b'għemilna, nkunu ta' eżempju ħażin għall-istess soċjetà Maltija u Għawdxija, għal għajn id-dinja li aħbar ħażina malajr tiġri ma' l-erbat irjieħat tal-globu.

St Michael®

# The brand name of MARKS & SPENCER

A FULL RANGE OF HIGH QUALITY MERCHANDISE AVAILABLE AT

THE STRAND SLIEMA

PALACE SQUARE, VALLETTA

ALSO:

# Rinascente — Upim

Exclusive range of goods as stocked in their popular 300 stores all over Italy




| MOUNTBATTEN STREET,<br>BLATA L-BAJDA<br>Tel: 234438, 221205 | **merlin library ltd.** | 57, OLD BAKERY STREET,<br>VALLETTA.<br>TEL: 603112 |
|---|---|---|

# PISANI BROTHERS

(Proprietors: Saviour and Carmelo Pisani)

NEW AND



SECOND-HAND



CAR DEALERS

**VALLEY ROAD, BIRKIRKARA**

**TEL: 444856**

# PINK FLOYD

## – LEĠĠENDA FI ŻMIENHOM



*Il-Pink Floyd waqt il-preżentazzjoni ta' "Dark Side Of The Moon".*

## MID-DINJA MUŻIKALI

### – TAGĦRIF MIĠBUR MIS-Sgt. CHARLES MARSH

**□ BĦALMA wegħdnikom fil-ħarġiet ta' qabel f'dan il-magazine, aħna minn żmien għal żmien qegħdin inwassulkom artikoli fuq xi gruppi jew kantanti li jkunu taw kontribut speċjali fil-kamp tal-mużika moderna, u xieraq li llum iddeċidejna li nagħtukom wieħed minn dawn l-artikoli speċjali – u se nitkellmu dwar il-grupp li llum sar leġġenda bl-isem ta' PINK FLOYD. Grupp li kif se naraw, kulħadd irid jammetti li taw kontribut speċjali lil mużika moderna.**

L-isem tal-grupp intgħażel minn Syd Barrett – li kien il-kantant u l-lead guitarist tal-grupp – minn żewġ kantanti tal-Blues li kien jisimhom Pink Anderson u Floyd Council. Oriġinarjament huma bdew jissejħu THE PINK FLOYD SOUND. Wara xi żmien l-isem ġie ridott għal kif nafuh illum.

L-ewwel formazzjoni tal-grupp kienet iffurmata minn Syd Barrett, li kien il-mexxej, kantant ewlieni, u l-kitarrista prinċipali. Roger Waters li kien idoqq il-bass, Rick Wright li kien idoqq kull xorta ta' keyboards, filwaqt li d-drums kienu f'idejn Nick Mason.

Fil-bidu huma bdew idoqqu f'xi dances u universitajiet. L-ewwel kuntratt li għamlu kien li jdoqqu kull nhar ta' Ħadd wara nofs in-nhar fil-Marquee. Ix-show li kienu jagħtu kien jismu "The Spontonous Underground", u dan beda fi Frar tas-sena 1966. Hawnhekk huma sabu l-ewwel ammiraturi tagħhom, u kienu jitqiesu bħala l-grupp ewlieni tax-xena underground ta' Londra.

Fit-23 ta' Diċembru ta' l-istess sena dehru għall-ewwel darba fil-UFO Club, fejn minbarra l-mużika stramba tagħhom introduċew sistema ta' dwal u slides li qabel ħadd ma kien ra bħalhom. Minn hemm huma bdew jitqiesu bħala l-arkitetturi ta' era ġdida ta' mużika – dik imsejjħa PSYCADELIC ROCK.

F'Jannar tas-sena 1967 ħarġu l-ewwel single tagħhom bl-isem ta' ARNOLD LAYNE. Kanzunetta li kienet titkellem dwar wieħed miġnun li kien jisraq il-ħwejjeġ ta' taħt tan-nisa minn fuq il-ħbula ta' l-inxir. Din irnexxielha titla' biss sal-25 post tal-klassifika tas-singles ġewwa r-Renju Unit.

Hawnhekk huma ffirmaw l-ewwel kuntratt ma' E.M.I. u ħadu ħamest elef lira bħala ħlas bil-quddiem – somma li għal dak iż-żmien ma kienetx żgħira.



**NICK MASON**
**– Drums –**



**RICK WRIGHT**
**– Keyboards –**

# PINK FLOYD

Fit-12 ta' Mejju ta' l-istess sena ippreżentaw kunċert bl-isem ta' "Games For May" fil-London Queen Elizabeth Hall. Dan kien jikkonsisti f'siegħa ta' mużika ġdida fuq is-sistema Quadrophonic, b'ħafna dwal ikkuluriti u miljuni ta' bżieżaq ta' l-ilma. Minn dan il-kunċert ħarġet is-single "See Emily Play" li baqgħet tiela' sal-ħames post fil-klassifika Ingliża. Hawnhekk huma dehru fil-popolari "Top Of The Pops" u minn hawn bdiet tikber b'rata mgħaġġla ferm il-popolarità tagħhom.

Fil-5 ta' Awissu ta' l-istess sena ħareġ l-album "The Piper At The Gates Of Dawn". Mill-ħdax-il silta li kien fih, għaxra kienu miktuba minn Barrett.

Ġara iżda, li Barrett beda jinvolvi wisq ruħu fid-drogi, u waqt il-kunċerti kien jidher ċass il-ħin kollu u kultant ħlief l-istess nota ma kienx idoqq. Hawnhekk il-problema dehret li bdiet tikber u għalhekk il-membri l-oħra tal-grupp iddeċidew li jġibu lil David Gilmour biex jgħin lil Barrett fuq il-lead guitar. Gilmour ingħaqad mal-grupp fit-18 ta' Frar tas-sena 1968, u Syd telaq lil grupp fis-6 ta' April ta' l-istess sena.

Fid-29 ta' Ġunju 1968 flimkien ma' Roy Harper u l-Jetro Tull, ippreżentaw kunċert bla ħlas ġewwa Hyde Park, kunċert li attendew għalih eluf kbar ta' nies. Fl-istess ġurnata ħareġ għall-bejgħ it-tieni album tagħhom "Saucerful Of Secrets" – album li mar tajjeb ferm mal-kritiċi kif ukoll max-xerrejja tad-diski. Bejn Lulju u Settembru ta' dik is-sena huma għamlu kunċerti kemm ma' l-Ewropa kif ukoll ġewwa l-Istati Uniti, fejn ipperfezzjonaw aktar il-mod kif kienu jippreżentaw dawn il-kunċerti.

F'Lulju ħarġu wkoll is-soundtrack tal-film "More" u wara dan aktar diretturi talbuhom biex jiktbulhom soundtracks għall-films tagħhom. Fost dawn il-films insibu "The Committee", "Tonight Let's All Make Love" u "Zabriski Point".

Wara wasal id-double album bl-isem ta' "Ummagumma", album li kellu nofsu rrekordjat Live, u n-nofs l-ieħor ġewwa l-istudio fejn kull membru kellu nofs side biex jesperimenta.



**ROGER WATERS**
**– Bass –**

L-album li kien imiss kien jismu "Atom Heart Mother" u dan ġie ppreżentat għall-ewwel darba fuq il-palk waqt il-Bath Festival, fejn fit-tlieta ta' fil-għodu il-Floyd dehru fuq il-palk akkumpanjati minn kor ta' xebbiet u ġuvintur, orkestra sħiħa, il-muturi ta' Hell's Angels, u logħob tan-nar. Tistgħu taħsbu kif kibret il-popolarità tagħhom wara dik il-manifestazzjoni mużikali. L-album baqa' tiela' sa l-ewwel post tal-klassifika ta' L.P.'s ġewwa l-Ingilterra.

## KUNĊERT B'NOVITÀ DIŻASTRUŻA

Fil-15 ta' Mejju tas-sena 1970 huma ppreżentaw kunċert ta' sagħtejn u nofs fil-Crystal Palace Garden, fejn waqt il-kanzunetta "Echoes" tellgħu qarnita tal-plastik minfuħa bl-arja, – ta' ħamsin pied, minn ġewwa għadira bl-ilma. Tant kien qawwi l-volum ta' l-amplifiers li l-għada l-ħut li kien hemm fl-għadira instab mejjet kollu!

Fit-13 ta' Novembru ta' l-1971 huma ħarġu l-album "Meddle", u sena wara, fl-1972 ħarġu soundtrack ieħor bl-isem ta' "Obscured By Clouds" din id-darba mill-film "La Vallee". Dan kien l-album li beda jġibilhom is-suċċess fl-Istati Uniti. Iżda l-parti l-kbira tas-sena 1972 kienet impenn fl-istudios biex jirrekordjaw l-album leġġenda "Dark Side Of The Moon". Dan l-album ħa disa' xhur sabiex jiġi rrekordjat u instema' għall-ewwel darba f'kunċert speċjali fil-London Planitarium. Dan baqa' tiela' fl-ewwel post tal-klassifika ta' l-albums kemm fir-Renju Unit, kif ukoll fl-Istati Uniti fejn fiż-żewġ klassifiki sab post



**DAVID GILMOUR**
**– Lead Guitar –**

permanenti, u fir-Renju Unit dam aktar minn sentejn fl-ewwel post, u għadu minn żmien għal żmien jitfaċċa fil-klassifika sal-ġurnata tal-lum.

F'Settembru tas-sena 1975 ħareġ "Wish You Were Here", album ieħor tajjeb li iżda meta tikkomparah ma' ta' qablu issib li l-Floyd bdew jonqsu mill-ideat. Dan l-album kien iddedikat lil Syd Barrett.

Kapolavur ieħor bl-isem ta' "Animals" ħareġ fi Frar tas-sena 1977, fejn fih Roger Waters wera r-rabja tiegħu għall-kundizzjoni li kien jinsab fiha l-bniedem fi żminijietna.

F'Diċembru ta' l-1979 ħareġ id-double album "The Wall", album qawwi ħafna li kien ġie rrekordjat bejn April u Novembru fis-Superbear studios ta' Franza, u fis-C.B.S. studios ta' New York ta' l-Istati Uniti.

"The Final Cut", l-isem ta' l-aħħar album tal-grupp Pink Floyd, ħareġ għall-bejgħ fis-sena 1983 ftit wara l-gwerra tal-Falklands. Din il-gwerra tidher li nflu-wenzat ħafna lil Roger Waters għax fl-album hemm kritika sħiħa dwarha.

**Il-lum il-Pink Floyd ma għadhomx aktar flimkien, u għalkemm kemm Roger Waters kif ukoll David Gilmour għadhom jikkontribwixxu għall-mużika moderna, bin-nuqqas tagħhom bħala grupp id-dinja mużikali tilfet ġgant ta' din il-mużika, iżda l-kanzunetti tagħhom żgur li kienu, għadhom u jibqgħu żvog mużikali għaż-żgħażagħ ta' kull żmien.**

# IL-KAĊĊA – PC 556 A. CASSAR

**BĦALA bniedem li għandi għal qalbi l-passatemp tal-kaċċa, speċjalment dik tal-borok, u peress li f'Malta sfortunatament dawn ma tantx jidhru, jien b'sagrifiċċju kbir ikolli nsiefer biex insib sodisfazzjon f'dan id-delizzju.**


1

Iżda l-istaġun li għadda diversi tipi ta' borok, bħal Malliards, Pintails, Wigeans niżlu fuq pajjiżna minħabba l-maltemp kbir li ħakem l-Ewropa ta' Fuq.

F'Settembru tas-sena l-oħra kelli x-xorta li mmur l-Ingilterra, wara li ġejt mistieden minn xi ħbieb tiegħi li bħali huma dilettanti kbar ta' dan il-passatemp. Fost il-ħafna postijiet li ġejt mistieden biex immur għal kaċċa ma dawn il-ħbieb hemm Garstang, fejn tinsab ix-xmara Wyre u li madwarha hemm ħafna marshes u għadajjar, li huma postijiet idejali ħafna għal kaċċa tal-borok (Fig 1). Postijiet oħra huma, per eżempju, n-naħat ta' York fejn hemm bosta għelieqi tal-Barley. F'dawn il-postijiet wieħed jibqa' mmeraviljat bil-kwantitajiet ta' Tudun li hemm, u li f'jumejn li qattajt mal-ħbieb tiegħi kelli s-sodisfazzjon li naqbad ħamsa u sebgħin Tudun (Fig. 2).


2

Huma bosta l-lokalitajiet oħra tajbin għal kaċċa fejn wieħed jista' jieħu pjaċir b'dan il-passatemp.

Dilettanti bħali malajr jifhmuni meta ngħid li għal kaċċa trid tagħmel sagrifiċċji kbar. Per eżemplu, qawmien kmieni fil-għodu biex tilħaq post tajjeb għal kaċċa peress li hawn Malta nsibu eluf ta' kaċċaturi. Flus li trid tonfoq għal kull staġun, per eżempju għall-iskrataċ. Kaxxa skrataċ tat-tip PM34, tiswa Lm3.20 kull kaxxa ta' ħamsa u għoxrin skartoċċ, u bosta kwalitajiet oħra li meta taqbad tispara malajr jisparixxu minn idejk. Ġranet sħaħ tistenna forsi taqbad xi ħaġa u taħli ħafna ħin għal xejn, imma bħali hawn ħafna, u għad-delizzju tagħna tagħmel kollox. Hemm ħafna x'wieħed jgħid fuq dan il-passatemp, biss il-kaċċaturi bħali li huma veru dilettanti ma joqogħdux iqisu xejn, la kemm se jonfqu, u wisq inqas il-ħin li nkunu qegħdin naħlu, basta nkunu għal kaċċa, l-aktar passatemp favorit tagħna.


3

# VISA DIESEL 17RD

Unbeatable 5-door hatchback with reclining front seats with inertia reel seat belts and a folding rear bench, headrests and seatbelts, two exterior mirrors adjustable from the inside, halogen lamps, servo-assisted brakes and many other luxuries.

ONLY
Lm1,766 DEPOSIT




**FREE**
MAINTENANCE FOR 2 YEARS.

**FREE**
ZIEBART RUSTPROOFING TREATMENT.

And you do not even need to worry about diesel
FREE DIESEL FOR THE FIRST 4,000 miles.

Get a good price for your car —
PART EXCHANGE ACCEPTED.

— EASY HP TERMS OVER 42 MONTHS.
— TEST DRIVES AVAILABLE WITHOUT APPOINTMENT.
— IMMEDIATE DELIVERY.

Visit our showroom now
only a limited stock is available.

**CONTINENTAL CARS LTD.**
TESTAFERRATA STREET, MSIDA. TEL: 516791.

CITROËN



MALATA RESTAURANT

Established 1905

Palace Sqr.

Valletta,
MALTA.




Manufacturers & Suppliers of Mining Explosives and accessories Propellant powders, sporting ammunition and Deep Rock Drilling machines.

"PULVICH HOUSE"
101, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA
TEL: 225287-607707

# Legal Notes

**By Dr. Vincent A. DeGaetano**
**LL.D., Dip. CRIM (CANTAB)**

**Maintenance order – husband's failure to pay maintenance amounting to a contravention against public order – defence of impossibility – whether Magistrates' Court may vary the amount of miantenance.**

Farrugia was charged by the police before the Court of Magistrates of Judicial Police with breach of s.352 (xx) of the Criminal Code.

S.352 (xx): Every person is guilty of a contravention against public order who... when so ordered by a court fails to give to his wife such sum, fixed by that court as maintenance for her and, or, his children, within fifteen days from the day on which, according to such order, he should pay such sum.

The evidence showed that by a decree of the Second Hall of the Civil Court, Farrugia had been ordered to pay Lm22 a week by way of maintenance to his wife. He had compiled with the maintenance order for the first four weeks but had subsequently defaulted. The Magistrate acquitted Farrugia on the grounds that he (Farrugia) had initiated the necessary steps before the Second Hall to have the maintenance order varied and was in any case prepared to pay Lm5 a week to his wife.

The Attorney-General appealed on the ground of an error of law on the face of the record.

The Court of Criminal Appeal, in an elaborate judgement upholding the appeal, held:

A. a decree ordering provisional maintenance and a judgement ordering the supply of maintenance are executive titles enforceable after the lapse of twenty-four hours from delivery (ss.479(A) (3) (a) and 253 of the Code of Organisation and Civil Procedure);

B. a decree ordering the supply of maintenance are executive of maintenance are in all cases provisionally enforceable notwithstanding that an appeal therefrom has been entered (s.265 of the Code of Organisation and Civil Procedure);

C. the Code of Organisation and Civil Procedure establishes the procedure as to how such decrees and judgements may be reviewed, varied or revoked, and no court of criminal justice has jurisdiction to enquire into the merits of such decrees an judgements, much less to revise, vary or revoke them;

D. the courts of criminal justice have a duty, in terms of s.352 (xx) of the Criminal Code, to ensure that orders for the payment of maintenance are compiled with within fifteen days from the day on which payment becomes due and, in default, to punish the offender according to law;

E. the various provisions of the Code of Organisation and Civil Procedure and of the Criminal Code are a clear manifestation of the legislator's determination to ensure that such maintenance orders, be they provisional or definitive, are scrupulously observed;

F. however, if it is impossible for the accused to comply with such an order he may be acquitted;

G. for the defence of impossibility to succeed, the Court of Magistrates of Judicial Police has to be satisfied that such impossibility is genuine and actual and that the accused has taken all the necessary steps to seek a revision, variation or revocation of the maintenance order before the competent court;

H. in the present case the presiding Magistrate appears to have taken the view that the mere fact that accused had initiated the necessary steps before the competent court was sufficient to exculpate him. This was an error of law.

The Court of Criminal Appeal revoked the judgement of the first court and sentenced Farrugia to ten days detention.

**The Police v Joseph Farrugia**
Court of Criminal Appeal, 25 September, 1986.

PERSEVERING PERCY. P.C.



"You're looking the wrong way – father"

# PAĠNA GĦAT-TFAL

## MOGĦDIJA TAŻ-ŻMIEN

Kif aħna Tfal ... Nispera li kellkom l-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena mill-isbaħ li qatt kellkom s'issa. Min jaf tfal kemm qlajtu rigali sbieħ, u kemm mortu parties?

Imma issa tfal kif tafu, dawn il-festi għaddew u l-vaganzi tal-Milied spiċċaw u rridu nerġgħu nibdew bil-ħajja normali tagħna.

Tfal, is-sena l-oħra konna għamilnilkom xi logħob bil-karti tal-logħob, imma minn din is-sena se nurukhom kif tagħmlu xi affarijiet li tagħmlu intom stess u tilgħabu bihom. Tfal, kultant ma jkollkomx ma min tistgħu tilgħabu, jew inkella tkun ix-xita u ma jkollkomx x'tagħmlu. Hawnhekk se nurukhom kif tistgħu tagħmlu xi logħob li tistgħu tilagħbu bihom.



### SURPRISE BALL

Għandkom bżonn:-
Tajjar Abjad.
Ħajt Abjad.
Ftit Ħelu.
Xi Rigali Żgħar.
Żigarella Kulurita.
Mqass.

Meta jkollok dawn l-affarijiet li għandek bżonn, fuq il-mejda ħdejk, l-ewwel li se nużaw huwa r-rigal żgħir li se npoġġu fil-ballun. Hawnhekk wieħed jista' jagħti xi idea ta' x'wieħed jista' jagħti, per eżempju Suffara, Karozza żgħira, Arloġġ tat-tfal, Pupi żgħir, Ċikkulata eċċ... Aqbad it-tajjar, u kif tibda tgerbeb forma ta' ballun, poġġi r-rigal u l-ħelu li se tuża ġo fiha. Kunu ċerti li ma jkun jidher xejn. Hekk kif il-ballun ikun iffurmat, aqbad il-ħajt abjad u ibda dawwar biex il-ballun iżomm il-forma tiegħu. Hekk kif tlesti mill-ħajt u l-ballun ikun tajjeb, aqbad iż-żigarella u dawwar bħal li kieku qed torbot pakkett.

Tfal, għal-lum daqshekk. Nurukhom aktar affarijiet oħra fil-ħarġa li jmiss.

## TBISSEM FTIT

### STILLA SEWDA?

Wieħed, li miskin qatt ma kien iġibha żewġ mal-mara tiegħu, mar jaraha l-isptar, u biex joħroġ ta' raġel, ħadilha bukkett fjuri.

– "Hawn, qalbi, ħa, ara kemm tassew inħobbok, x'ġibtlek," qallha kif daħal ħdejha.

– "Puhh għalik, ja kattiv l'int, ma tafx li nbati bil-Hay Fever", qabżet fuqu fil-pront.

* * *

### DAJAGNOSI

– Pazjent: "Ara, Dott, jien ta' żaqqi f'fommi, u nixtieqek tkun bħali. Issa għidli, kif jien sejjer f'saħħti?".

– Tabib: "Sewwa wisq, mela la qed tgħidli hekk: Ma tantx fadallek ħajja". Tixtieq tkellem lil xi ħadd qabel tħalli din iddinja?".

– Pazjent: "Iva, Dott ... tabib ieħor!"

### CHILDREN'S COMPETITION

**Answer the set of question below and send them to PC 512 M. Ellul at the Police Library Police Headquarters, Floriana, not later than 10th March 1987. The first letter opened with correct answers wins a voucher worth Lm3.00c.**

**QUESTIONS:**

1. What does Popeye eat? ..............................................
2. Which animal neighs? ..............................................
3. What two colours mixed together make green? ..................
4. What is the name of the boat used by Indians? ..................
5. From which animal do we get ivory? ..............................
6. What instrument tells how hot or cold it is? ......................
7. Who purchased New York from the Indians? ......................
8. What is the home of the Bee called? ..............................
9. What is the name of the shoes worn by Indians? ..................
10. What is a young Cow called? ......................................

# INFORMAZZJONI FUQ L-ISKEMA TA' SUSSIDJU FUQ L-IMGĦAX FUQ SELF GĦAL DJAR APPROVATA MILL-GVERN FL-AĦĦAR BUDGET

**□ WARA li ħarġu r-regolamenti fuq is-sussidju fuq l-imgħax fuq self għal djar fil-GAZZETTA TAL-GVERN, u minħabba li hu magħruf li hawn numru konsiderevoli ta' membri tal-Korp tal-pulizija li sselfu l-flus biex jibnu jew jixtru djarhom, u li allura dawn ir-regolamenti huma ta' nteress għalihom, il-Board Editorjali ta' dan il-Magazine żamm laqgħa mas-Segretarju tal-Lohombus Corporation u fiha ġie spjegat lilna l-iskema ta' sussidju, li ġiet approvata mill-Gvern fl-aħħar budget, se taħdem.**

F'dan l-artikolu se ssir enfasi fuq kif l-iskema se tolqot lil dawk li diġà ħadu xi self. Huwa magħruf li dawk li kienu ħadu xi self qegħdin jirċievu bil-posta applikazzjoni għas-sussidju fuq l-imgħax li għandha timtela u tittieħed il-Housing Department, il-Baviera sat-13 ta' Frar, 1987.

Biex wieħed japplika jrid jara li jkun jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:-

(1) Ma jkunx ibbenefika taħt l-iskema tal-Home Ownership.

(2) Ma jkunx ibbenefika minn xi skema oħra mħaddma mill-Awtorità tad-djar.

(3) Trid tkun miżżewweġ jew għarus. F'każ ta' miżżewġin ir-raġel irid ikun ċittadin Malti u l-mara tista' tkun ta' ċittadinanza barranija. F'każ li l-mara tkun Maltija u r-raġel ma jkunx Malti din l-iskema ma tapplikax għalihom.

(4) Trid tkun ċittadin Malti u residenti permanenti f'malta u ma jkollokx bżonn il-permess tal-Ministru tal-Finanzi biex takkwista proprjetà f'Malta; permess mingħand il-Ministru tal-Finanzi għandhom bżonnu dawk li ma jkunux residenti permanenti f'Malta jew ikunu residenti f'Malta iżda ma jkunux ilhom aktar minn sitt xhur hekk residenti.

(5) Trid tkun issellift flus mingħand il-Lohombus Corporation Ltd. Biex tibni jew tlesti jew tixtri darek.

(6) Tkun issellift il-flus bejn il-11 ta' Ottubru 1976 u l-31 ta' Diċembru 1986.

(7) Il-permess tal-bini tal-PAPB, f'każ ta' self għall-bini irid ikun ħareġ fl-istess perjodu msemmi fil-paragrafu 6.

(8) Tkun qed tħallas imgħax b'rata kummerċjali, voldieri ta' 7½ fil-mija.

(9) Id-dar m'għandux ikollha ċens jew jekk hemm ċens perpetwu jew temporanju, iċ-ċens ikun inqas minn ħamsin sena (50) fil-31 ta' Diċembru, 1986.

(10) Trid tkun qed tokkupa id-dar kemm-il darba ma tkunx għada qed tinbena.

**TABELLA A**

| Kategorija | Dħul Gross | Sussidju | Limitu fuq self sussidjat |
|---|---|---|---|
| A | 0-Lm1000 | 'il fuq minn ½% | Lm4000 |
| B | Lm1001-Lm2100 | do 2½% | Lm4000 |
| C | Lm2001-Lm3000 | do 3 % | Lm4000 |
| D | Lm3001-Lm4000 | do 3½% | Lm7000 |
| E | Lm4001-Lm5000 | do 6 % | Lm7000 |
| F | Lm5001-Lm7000 | do 7 % | Lm8000 |
| G | Lm7001- + | Xejn | Lm9000 |

**B'kemm se tonqos ir-rata ta' l-imgħax?**

Biex wieħed ikun jaf b'kemm se tonqoslu r-rata ta' l-imgħax irid jagħmel dawn il-kalkoli.

Hu s-salarju gross tiegħek, voldieri qabel ma tnaqqas it-taxxa u l-kontribuzzjoni tan-National Insurance, għodd miegħu l-overtime, fil-każ tagħna l-extra duty u għodd iċ-Children's Allowance u xi dħul ieħor jekk għandek. Jekk m'għandekx extra duty jew children allowance jew xi dħul ieħor x'tgħodd mas-salarju, allura hu s-salarju biss. Importanti li wieħed iżomm f'moħħu li salarju huwa dak ta' l-1986.

Biex nieħdu eżempju se nieħdu s-salarju ta' Kuntistabbli third class:-

| | |
|---|---|
| Salarju Gross | Lm2077 |
| Extra duty | Lm100 |
| Children's Allowance | Lm180 |
| (f'każ ta' tifel jew tifla waħda) | |
| Dħul ieħor (jekk m'għandekx) | – |
| | Lm2357 |

Issa li sibna d-dħul gross tagħna irridu naraw f'liema kategorija ta' sussidju se nieħdu. Il-kategoriji huma kif jidhru f'Tabella A.

Mela d-dħul gross ta' l-eżempju li ħadna huwa ta' Lm2357, biss però minħabba li l-extra duty li żidna mad-dħul gross tagħna jista' jvarja minn sena għall-oħra, huwa magħruf li l-Housing meta se tiġi biex tara f'liema kategorija wieħed jidħol, se tieħu inkonsiderazzjoni biss nofs id-dħul ta' l-extra duty. Mela allura mis-somma globali ta' Lm2357 irridu nnaqqsu minna Lm50 u dħul gross Lm23076.

Jekk wieħed iħares lejn it-tabella ta' hawn fuq irid li d-dħul gross ta' l-eżempju li ħadna jaqa' taħt il-kategorija C u allura r-rata tkun ta' 3%. Fi ftit diskors ir-rata ta' l-imgħax se tinżel għal 3% u allura se tonqos bi 3½%. Id-differenza fir-rata se tkun is-sussidju li l-Gvern se jħallas lil-Lohombus Corporation għannom tiegħek.

Fl-aħħar kolonna tat-tabella ta' hawn fuq, insibu l-limitu ta' flus li wieħed jikkwalifikaw għalih fl-iskema tas-sussidju fuq l-imgħax. Dan ifisser li jekk il-każ li ħadna hawn fuq għandu self jew ċioè fl-aħħar tas-sena 1986 kien baqagħlu self mal-Lohombus ta' Lm4000 jew inqas allura s-self li ħa ser jiġi issussidjat kollu. Min għandu self ta' 'l fuq minn Lm4000 ir-rata tkun sussidjata biss sa l-ewwel Lm4000 u l-kumplament ikun bir-rata ta' 7½%.

Din l-iskema se tibda b'seħħ mill-1 ta' April 1987 u tkun riveduta kull sentejn.

Dan li għadna hawn fuq fil-maġġorparti tiegħu japplika għal dawk li għad iridu jieħdu self mil-Lohombus.

Applikazzjonijiet ġodda għas-sussidju jiġu aċċettati sat-13 ta' Novembru, 1987.

Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jirreferi għal GAZZETTA TAL-GVERN tas-6 ta' Jannar, 1987 jew inkella imur il-Housing Department jew il-Lohombus Corporation.

# ANDREWS

ALWAYS FAITHFUL

BAKE BETTER

# BREAD

ANDREWS BAKERY (M) LTD·TIMBER WHARF·MARSA
TEL. 224823/231946

NEW *Sport*




The new RIGHT GUARD® deodorant with the fresh, invigorating fragrance.

For real sporting bodies!

**Sole Agents & Distributors:** GEORGE BORG LTD., 26/2 Merchants Street, Valletta. Tel: 225441/2

JOINWELL THE GROUP OF COMPANIES

# Joinwell Furniture

## Designed to please, made to last.

*We specialise in the manufacture of*

● Contemporary Furniture ● Reproduction Furniture
● Kitchen Units ● Soft Furnishings ● Upholstery
● Spring Interior Mattresses ● Venetian Blinds ● Insect Screens

**Joinwell Showrooms**
Tower Road, Sliema Tel: 334430

# MILL-GĦAQDA PENSJONANTI TAL-PULIZIJA

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA MAĦRUĠA MILL-GĦAQDA

**Bħal ma jaf kulħadd, l-Għaqda tagħna mill-ħolqien tagħha ilha tressaq proposti lill-Gvern biex ittejjeb il-pożizzjoni tal-pensjonanti.**

Illum, nistgħu ngħidu li waħda mill-proposti li kienet ta' uġigħ ta' ras għalina hawn taħt imsemmija, ġiet solvuta. Hija dik meta pensjonant ma jkunx jaħdem irdi bil-fors iħallas il-bolla tas-Sigurtà Nazzjonali, biex ikun jista' jikkwalifika għall-pensjonanti tas-Sigurtà Nazzjonali kontributorja. (Jiġifieri dik tal-61 sena). Il-proposta mressqa kienet:-

"Hawn ħafna pulizija pensjonanti li l-pensjoni tagħhom mhix daqshekk kbira li tippermettilhom jgħixu diċentiment speċjalment meta jridu jibqgħu jħallsu l-kontribuzzjoni taħt il-liġi tas-Sigurtà Nazzjonali. Għalhekk huwa ferm diffiċli li pensjonant bħalna jkun jista' jgħix bil-pensjoni biss l-aktar meta jkollu t-tfal id-dar. Għalhekk nixtiequk li tikkunsidra l-pożizzjoni finanzjarja tagħhom biex tiġi mnaqqsa t-tbatija ta' dawn il-pensjonanti."

Kopja mid-diskors li sar mill-Ministru tal-Finanzi s-Sur Wistin Abela rigward din il-proposta.

"Miżura soċjali oħra hi ntiża biex tgħin finanzjarjament dawk il-pulizija u suldati li rtiraw mix-xogħol qabel għalqu l-61 sena, b'servizz sħiħ, ħadu pensjoni sħiħa mit-Teżor u baqgħu ma ħadmux iżjed wara. Dawn it-talin kienu sal-lum obbligati jħallsu l-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Nazzjonali mill-pensjoni tagħhom sakemm jagħlqu l-61 sena ħalli b'hekk iżommu d-dritt għal pensjoni sħiħa mis-Sigurtà Nazzjonali. Mis-sena d-dieħla dawn sejrin iżommu d-dritt li jirċievu l-pensjoni tas-Sigurtà Nazzjonali sħiħa xorta mingħajr ma jkollhom għalfejn iħallsu iżjed il-kontribuzzjoni dovuti. din il-miżura se tapplika biss għal dawk il-pulizija u suldati, hekk irtirati, sakemm dawn ma jkunux jaħdmu bħala mpjegati jew għal rashom. Jekk jaħdmu allura xorta waħda jkunu jridu jikkontribwixxu bħal kull ċittadin ieħor li qed jaħdem."

## L-Għaqda turi ħajr lill-Gvern

Stqarrija maħruġa mill-Għaqda fid-29/12/86, tgħid li l-Kunsill ta' l-Għaqda tagħna, jinsab grat lejn il-Gvern li laqa' waħda mill-proposti tagħha fil-Budget li għadda. Il-proposta kienet dwar il-każ ta' Pulizija li spiċċa mix-xogħol qabel il-61 sena u kien ried jibqa' jħallas il-bolla tas-Sigurtà Nazzjonali sal-61 sena.

Il-Kunsill japprezza wkoll il-fatt li l-pensjonant mhux suġġett li jirreġistra biex jikkwalifika għall-pensjoni tas-Sigurtà Nazzjonali.

Il-Kunsill qal li huwa fiduċjuż li 'lmenti oħra li għadhom qed jiġu diskussi jiġu mogħtija attenzjoni fuq il-meritu tagħhom għal ġid tal-pensjonanti.

Il-Kunsill jixtieq jirringrazzja lill-Gvern, partikolarment lill-Ministri Wistin Abela u Freddie Micallef għal għajnuna li dejjem taw waqt id-diskussjonijiet.

REY HENWOOD McKeon.
P.R.O.

Kopja ta' l-ittra mibgħuta lill-Prim Ministru u lill-Ministri fiha imsemmija, qegħda tidher f'din il-paġna.

## RADD TA' ĦAJR LILL-GVERN

**23 ta' Diċembru, 1986**
**L-Onor. Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, LL.D.,**
**Berġa ta' Kastilja,**
**Valletta.**

**Għażiż Prim Ministru,**

**Ġejt imqabbad mill-Kunsill ta' l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti biex inwassal l-apprezzament tagħna għall-mod kif il-Gvern laqa' l-proposti mressqa mill-Għaqda tagħna.**

**Aħna ninsabu grati lejn dan il-Gvern għall-passi li ħa biex itejjeb il-kundizzjoni tal-pensjonanti, meta wieħed mill-iktar ilmenti iebsa li kien ipoġġi lill-pensjonanti f'pożizzjoni li ma setax jgħix diċentement, ġie milqugħ, billi dan ried iħallas il-Bolla tas-Sigurtà Nazzjonali mill-pensjoni.**

**Ġie apprezzat ukoll il-fatt li l-pensjonant mhux suġġett li jirreġistra (s'intendi hekk ma jkunx irid jaħdem) biex jikkwalifika għall-pensjoni tas-Sigurtà Nazzjonali.**

**Aħna fiduċjużi li lmenti oħra li għadhom qed jiġu diskussi, jiġu mogħtija attenzjoni fuq il-meritu tagħhom għall-ġid tal-pensjonant.**

**Għal darb'oħra nirringrazzja lill-Gvern. Ringrazzjament speċjali jmur għall-Onor. Ministri Wistin Abela u Freddie Micallef għall-għajnuna u l-attenzjoni li dejjem tawna waqt id-diskussjonijiet li kellna magħhom fuq l-ilmenti mressqa minn naħa ta' l-Għaqda tagħna.**

**Minn qalbna nixtiequ suċċess lill-Gvern fil-ħidma tiegħu, u filwaqt li nselli għalik,**

**Għoddni tiegħek,**
**ĠIĠI MUSCAT,**
**Segretarju.**

# ĊIRKULARI MIBGĦUTA LILL-MEMBRI TAL-MALTA POLICE MUTUAL HELP ASSOCIATION

Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija,
Uffiċċju tal-Kaxxier,
Floriana.

Għażiż membru, 2 ta' Jannar 1987

Il-kontribuzzjoni ta' Lm1.00,0 li int ħallast bħala membru tal-Malta Police Mutual Help Association għax-xhur ta' Settembru/Diċembru '86, marru għad-dipendenti tal-membri hawn taħt imsemmija:-

Ex SM 351 J. Buttigieg miet 5.2.86.
Ex PS 56 A. Cilia miet 27.3.86.
Ex PC 246 V. Mallia miet 7.4.86.
Ex PC 402 A. Tabone miet 10.4.86.
Ex PC 208 J. Borg miet 24.4.86.
Ex WPC 1 E. Bonello mietet 1.5.86.
Ex PC 466 C. Camilleri miet 12.9.86.
Ex PC 410 J. Carbonaro miet 9.9.86.

Is-somma li tħallset jew għad trid titħallas lid-dipendenti ta' dawn il-membri laħqet Lm279.62,5 (jiġifieri 2237 kontribuzzjoni bit-12c5 kull membru).

Int ġentilment mitlub tħallas is-somma ta' Lm1.00,0 bil-quddiem għax-xhur ta' JANNAR/APRIL 87.

Jekk qiegħed tirċievi l-irċevuta, allura tibgħatx flus.

Jekk issibha bi tqila biex tiġi sa d-depot, allura ibgħat Lm3.00,0 għas-sena kollha.

Nistenna li nirċievi minn għandek, jew narawk fi żmien qasir.

Inselli għalik ħafna u nixtieqlek is-sena t-tajba.

Fis-sena 1986 int ħallast Lm3.00,0 bħala kontribuzzjonijiet lil Malta Police Mutual Help Association.

# MILL-GĦAQDA PENSJONANTI TAL-PULIZIJA

## Stqarrija għall-Istampa

''Biex wieħed ikun jista' jieħu l-benefiċċju sħiħ ta' din il-miżura jrid ikun iħallas il-kontribuzzjonijiet meħtieġa, sa l-aħħar 1986. Din il-miżura se tibda sseħ mill-1 ta' Jannar 1987''.

Nieħdu din l-okkażjoni biex ninformaw lill-pensjonanti li l-proposti li għadhom pendenti, jiġifieri, dawk li l-pensjoni tagħhom tiġi mnaqqsa meta jaħdem sakemm għadhom taħt il-55 sena u dawk il-pensjonanti li rtiraw mis-servizz aktar minn 10 snin ilu. Għadhom qed jiġu diskussi mal-Ministri konċernati.

RAYMOND HENWOOD
MCKEON P.R.O.

***FROM THE ENTERTAINMENT COMMITTEE:***

# POLICE CHRISTMAS LOTTERY RESULTS




**Christmas Lottery held by the Entertainment Committee was drawn at P.G.H.Q. on Wednesday, 31/12/86. Prize winners are as follows:-**

1st Prize: Paul Cutajar – 'Jason Charm', Carmel Str., Fgura. Ticket No: 002597.

2nd Prize: Pauline Degabriele – 95/5, Marina Str., Pietà. Ticket No: 000258.

3rd Prize: Louis Bigeni – 20, Church Str., Xagħra, Gozo. Ticket No: 001788.

4th Prize: Yvonne Grech – 24, St Augustine Str., Ħamrun. Ticket No: 002857.

5th Prize: Vincent Schembri – 1, Triq Sillar, Sta. Venera. Ticket No: 002653.

6th Prize: Paul Mercieca – 90, St Thomas Str., Ħamrun (PC466). Ticket No: 002522.

7th Prize: Ġiġa Hili – 73, Victory Str., Xagħra. Ticket No: 001989.

8th Prize: Joseph Cini – 'Penny Farthing', Windmill Str., Xagħra Gozo. Ticket No: 002028.

9th Prize: P.C. 383. Ticket No: 000055.

10th Prize: Espedito Camilleri – 213, Qormi Road, Marsa. Ticket No: 000077.

11th Prize: J. Busuttil (P.C. 997), "Z" Division. Ticket No: 001778.

Winners are requested to call at the Police Library, Police General Headquarters, Floriana in crder to collect their respective prize.

•L-ISTORJA ta' Malta u Għawdex, sfortunatament, hi miżgħuda bi ħrejjef u leġġendi u maħluqa mill-fantasija ta' wħud mill-kittieba tagħna. U donnu li minn ġenerazzjoni għall-oħra jibqgħu jinkitbu u jirrepetu ruħhom l-istess żbalji.

# Il-ġrajja tat-tabib Malti Giuseppe Callus

*Mill-Kavallier*
*JOSEPH GALEA*

Meta se jirnexxielna ngħarblu-hom mill-għarbiel?

Il-faxxikli tar-rumanzi li kienu joħorġu dari u jinbiegħu bieb bieb kienu l-bidu tal-letteratura Maltija; xerrdu tabilħaqq tagħlim għalkemm imħallat mal-ħrejjef, kebbsu u saħħnu l-fantasija tax-xbejbiet, qanqlu namra għat-tagħlim, u ħajru lil min kien jaf l-iskola biex jissokta jikteb.

Waħda mill-isbaħ stejjer li jirrakkontaw kull żmien, u hi l-aktar popolari, hi l-avventura tat-tabib Callus, għalkemm taħt isem ieħor. Dwar din il-ġrajja tkellmu kittieba barranin – Bosredon de Ransijat fit-tifkiriet tiegħu, Miege fl-istorja ta' Malta, it-tnejn bil-Franċiż, u Ramiro Barbaro, bit-Taljan, li għamlu martri, u maqlub għal Malti minn Ġużè Muscat Azzopardi.

Minn dakinhar sal-lum, ismu beda jitkanta fuq id-daqq tal-kitarri, fil-ħwienet ta' l-inbid u lejliet l-Imnarja taħt id-dell tas-siġar sbieħ tal-Buskett.

Aktarx li l-ġrajja tat-tabib Callus maż-żmien kienet tħalltet ma' ġrajja oħra, ta' persunaġġ ieħor li kienet messitu l-istess xorti.

## VOKAZZJONI GĦAL QASSIS...ISIR TABIB

It-tabib Giuseppe Callus, miż-Żurrieq, kien miżżewweġ ma' Margherita Cassar. F'żogħżitu kien tħajjar isir saċerdot, u sar kjeriku. Wara ftit studju kien ħa t-tonsura u l-ewwel minuri, iżda mbagħad kienet marritlu l-vokazzjoni, u minflok mar Sirakuża fejn beda jistudja x-xjenza. Ħames snin wara laħaq tabib.

Il-ġrajja tiegħu tisvolġi ruħha meta kien għadu kjerku, u bdiet sew sew meta Callus kellu tilwima ma' Catarinella Falsone, mill-Imdina, dwar xi flus li kellu jieħu minn għandha.

Għalhekk bħala kjerku, qal hu, kellu dritt li jfittex lil Catarinella Falsone, fil-Qorti ta' l-Isqof.

Biex inkunu nistgħu nifhmu sew il-ġrajja li qed nirrakkontaw, jeħtiġielna li ngħidu kif kienu jaħsbuha dak iż-żmien. Is-sistema tal-Qrati kienet għadha tgħix fil-medju evu, u bosta drabi kienet ukoll skandaluża, għaliex kienet aktar tiddomina fuq l-injoranza milli tagħmilha bħala nieqa tal-ħaqq. It-Tabib Callus ħasibha sew u fetaħ kawża fil-Qorti Ċivili kontra dik Falsone, u fl-istess ħin kontra s-sospensjoni mill-impjieg jiġifieri kontra l-istess Gvern.

Il-burraxka għaddiet, donnu b'wiċċ il-ġid, u fis-sena 1560 reġgħu tawh l-impjieg li kellu ma' l-**Università**. Ftit jiem wara Callus, issa li reġa' kien ħa postu, ippretenda, allura, li sakemm dam sospiż kellu jitħallas l-arretrati, għax, kif qal hu, billi s-salarju tiegħu kien jitħallas minn dak li kien jidħol minn fuq it-taxxa ta' l-inbid, u dik it-taxxa baqgħet titħallas, kellu dritt jieħu dak li kienu ċaħdulu. It-talba tiegħu ma ġietx milqugħha. Għalhekk hu ipprotesta mhux ftit, beda jgemgem u jisparla kontra l-Ordni.

Imbagħad fettillu jikteb ittra bil-moħbi u bagħtha baxx baxx lir-Re ta' Spanja, u fost dak kollu li kiteb kien semma li l-Ordni tal-Kavallieri, matul it-tletin sena li kienet ilha hawn (waslet nhar is-26 ta' Ottubru 1530), ma għamlitx ħaġ'oħra ħlief kasbret lill-poplu Malti, ċaħditlu l-privileġġi kollha li kien igawdi minn dejjem, u kienet kisret il-wegħdiet solenni li kienet għamlet.

Ftit wara, meta wasal f'widnejn il-Gran Mastru b'dak li kien wettaq Callus, arrestawh u tefgħuh f'waħda miċ-ċellel tal-ħabs ta' l-Imdina, sakemm imbagħad kienu resquh quddiem il-Qorti biex iwieġeb għal għemil tiegħu.

## SENTENZA TA' MEWT

Il-Qorti qatgħatilu għal mewt. Naturalment hu kien jista' jappella, meta s-smiegħ tal-kawża kien ikun quddiem tliet imħallfin, wieħed taċ-Civil, imħallef tal-kriminal, u t-tielet ta' l-Appell. Din il-Qorti kienet magħrufa bl-isem ta' **Tribunale mixtum publicae audientiae.**

Tliet ijiem wara lit-tabib Callus kienu dendluh fuq is-Saqqajja, minflok fejn kienet issir il-forka s-soltu, billi l-egħlieqi ta' l-inħawi, illum Pjazza Forok, ir-Rabat, kienu jkunu miżruħa. Il-kunfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat, imbagħad, ħadet ħsieb id-difna tal-katavru tiegħu.

Anqas ma kienet għaddiet ġimgħa wara li kienu neħħewh, meta ħarġet ordni mill-Palazz tal-Birgu, biex jikkonfiskawlu l-proprjetà kollha li kellu. Għaldaqs-hekk il-Gran Mastru ħatar kummissjoni biex iħejju l-inventarju tal-ġid li kellu Callus, u nħatru Mattew Falzon u Ludovico Platamone (Għawdxi), biex jagħtu r-rapport tagħhom lil Qorti.

Hekk spiċċat il-ġrajja tat-tabib Ġużeppi Callus. Min kellu jgħidlu lil Mattew Falzon, li aktar tard kellu jgħaddi mill-istess xorti ta' Callus!

# TRIMITE

*The Paintmakers — for Industry*

CGS

*Sole Distributors:*

**COLEIRO GENERAL SUPPLIES LTD.**

Msida Valley, Birkirkara. Tel. 443489 – 492082

# BEECH·NUT STAGES™



GIVE YOUR BABY THE RIGHT FOOD AT THE RIGHT STAGE.

TRADE ENQUIRIES:

**FOOD DISTRIBUTORS LIMITED**

VALLETTA — TEL: 625155, 622168




Louis

Jewellery

(TAL-MARSA)

**91, CROSS ROAD, MARSA.**

(OPPOSITE PARISH CHURCH)

**Tel.: 605944.**

**NO CONNECTION WITH ANY OTHER SHOPS**

P.S. 429 Ronald Cilia

# POLICE CHRISTMAS K.O. SHIELD

☐ WARA diversi laqgħat mill-Kumitat Sports tal-Pulizija ġie deċiż li għaż-żmien tal-Milied tiġi organizzata K.O. Competition tal-football fuq bażi ta' Distretti u Dipartimenti tal-Pulizija. Din il-Kompetizzjoni ġiet imsemmija "POLICE CHRISTMAS K.O. SHIELD".

Ġie deċiż li tiġi mogħtija Shield sabiħa lir-rebbieħa u midalja lil kull player li jikkompeti fil-finali ta' din in-K.O. Competition. Hemm il-ħsieb li din in-K.O. tiġi organizzata kull sena. Ġiet imsejħa laqgħa oħra fejn delegati minn kull Distrett/Dipartiment ġew mistiedna biex jattendu u jagħtu l-veduti tagħhom. Wara li sar qbil ġie deċiż li t-teams jiġu komposti minn dawn id-Dipartimenti/Distretti.

**1) S.M.U./MOBILE**
**2) DISTRICT NO. 1/2**
**3) DISTRICT NO. 3**
**4) M.T. SECTION/TRAFFIC**
**5) C.I.D./S.B.**
**6) DISTRICT NO. 4**
**7) G.H.Q./DOG SECTION**
**8) DISTRICT NO. 5/6**

Fl-aħħar tal-laqgħa saru poloz li rriżultaw hekk:-

**QUARTER FINALS**

S.M.U./Mobile vs District No. 1/2; District No. 3 vs M.T. Section/Traffic; C.I.D./S.B. vs District No. 4; G.H.Q./Dog Section vs District No. 5/6.

**QUARTER FINAL**

**DISTRICT NO. 1/2 ............... 0**
**S.M.U./MOBILE .................. 3**

**Formazzjonijiet:**

DISTRICT NO. 1/2 – Inspr. R. Caruana, P.C. 564 C. Camilleri, P.C. 289 A. Galea, P.C. 819 L. Aquilina, P.C. 1127 F. Bonello, P.C. 1082 C. Zahra, P.C. 665 C. Callus, P.C. 1064 R. Borg, P.S. 538 P. Spiteri, P.S. 1145 N. Mizzi, P.C. 632 M. Galdes, P.C. 855 A. Camilleri, P.C. 1117 E. Abela.

S.M.U./MOBILE – P.C. 712 M. Fabri, P.C. 996 R. Pisani, P.C. 140 C. Saliba, P.C. 366 E. Psaila, P.S. 496 G. Borg, P.C. 600 V. Upton, P.C. 1119 P. De Reffaele, P.C. 811 V. Busuttil, P.C. 967 A. Barbara, P.C. 875 C. Vella, P.C. 960 J. Scerri, P.C. 182 G. Grech, P.C. 783 L. Mercieca, P.C. 1030 S. Mallia.

Din il-logħba tat bidu għal Police Christmas K.O. Shield organizzata għall-ewwel darba mill-Kumitat ta' l-Entertainment bil-ko-operazzjoni tal-Kumitat Sports tal-pulizija.

Iż-żewġ teamijiet niżlu għal din il-logħba formazzjonijiet totalment differenti. Min kif niżlu fil-ground iż-żewġ teamijiet mill-ewwel deher li l-logħba ser tkun deċiża fuq il-kundizzjoni fiżika tal-players. It-team ta' l-S.M.U./Mobile kien mibni fuq players ta' esperjenza li jiffurmaw parti mit-team magħżul tal-Pulizija bħal PS496 G. Borg, P.C. 811 V. Busuttil u P.C. 366 E. Psaila flimkien ma' xi players żagħżagħ, mentri t-team tad-District No. 1/2 kien mibni fuq players anzjani bħal P.S. 1145 N. Mizzi, P.S. 538 P. Spiteri u P.C. 289 A. Galea flimkien ma' players żagħżagħ, moqdija ferm tajjeb mill-goaler Inspr. R. Caruana li wera l-esperjenza u l-kapaċità tiegħu bħala ex-goaler ta' l-ewwel Diviżjoni tal-M.F.A.

L-ewwel taqsima kienet mil-għuba fuq nota waħda bit-team tal-S.M.U./Mobile jipprova jiftaħ l-iscore u bit-team tad-District No. 1/2 jiddefendu kif jistgħu l-attakki avversarji sakemm fl-20 minuta r-referee Edwin Borg saffar għall-penalty fuq hands ta' P.C. 1082 C. Zahra. Inkariga ruħu minn dan il-penalty P.C. 811 V. Busuttil li ma żbaljax bil-ballun jaħbat mal-lasta qabel jispiċċa fix-xibka.

Fil-bidu tat-tieni taqsima Inspr. R. Caruana fil-lasta tad-District No. 1/2 rewa siequ u kellu jiġi mibdul ma' P.C. 855 A. Camenzuli. Wara ħames minuti t-team tal-S.M.U./Mobile ried goal ieħor meta P.C. 366 E. Psaila tefa' fir-rokna tax-xibka bil-goaler P.C. 855 A. Camenzuli jkun xi ftit tard fl-attentat tiegħu biex isalva. Wara dan il-goal P.C. 366 E. Psaila reġa' sab ix-xibka avversarja però il-goal ġie mħassar fuq off side ta' l-istess player. Fis-16-il minuta xutt tajjeb ta' P.C. 1119 P. De Raffaele ħabat mal-lasta u ġie maqlugħ 'il barra mid-difensuri tad-District No. 1/2. Ħames minuti wara reġa' ġie ċans tajjeb għat-team tal-S.M.U./Mobile meta P.C. 783 L. Mercieca li daħal fit-tieni taqsima, ħarab bil-ballun b'P.C. 1082 C. Zahra jipprova jżommu mill-flok u ma rnexxielux u r-referee jagħti l-advantage però hekk kif wasal mal-goaler fajjar xutt li mar barra. L-istess P.C. 783 L. Mercieca patta għal dan li żball ftit wara meta wara li avvanza bil-ballun minn fuq il-lemin ta' xutt b'saħħtu li għadda bejn il-goaler u l-lasta biex ġab l-iscore finali jaqra 3-0 favur it-team tal-S.M.U./Mobile li għaddew għat-tieni fażi tan-K.O.

**QUARTER FINAL**

**DISTRICT NO. .................... 3**
**M.T. SECTION/TRAFFIC ..... 0**

**Formazzjonijiet:**

DISTRICT NO. 3 – P.S. 229 L. Barry, P.C. 677 J. Pace, P.C. 137 R. Bonnici, P.C. 25 M. Mallia, P.C. 1318 L. Buttigieg, P.C. 585 J. Calleja, P.C. 208 L. Mintoff, P.C. 683 M. Caruana, In-

• Aktar rapporti f'paġna 26

# Home Furnishers since 1890



Carmelo Delia (1890) & Sons

St. Lucia Street, Valletta – Tel: 625454

DELTA ACCESSORIES

the Delta Range
Electrical Accessories

GEYER
Consumer Units & Distribution Boards

BILL
Low Voltage Switchgear

STRÖMBERG
Low Voltage Switchgear

ELCA
Voltage Stabilizers

DOEPKE
Time Swiches & E.L.C.B's

*Sole Agent, Stockist & Distributor:*
**M.C.E. Ltd.**
66/2 St. Paul Street, Valletta.
TEL: 223870

# ATTARD BROS. CO. LTD.

## TA' QALI – Tel: 486980/621456



# BEJGĦ U ĠARR TA' MATERJAL

- Qatran tal-filata
- Waterproofing membrane
- Xibka mwassla bil-'high-up'
- Vireg u stirrups
- Katusi u fittings
- Siment
- Ġarr ta' torba
- Taħmil ta' plots
- Kiri ta' cranes u scaffolding



It-team tal-M.T. Section/Traffic



It-team tal-G.H.Q./Dog Section

spr. D. Attard, P.S. 509 J. Lentini, P.C. 832 A. Cassar, P.C. 320 C. Parnis, P.C 1014 A. Curmi, P.C. 1231 J. Spiteri, P.C. 842 A. Vassallo, P.S. 373 P. Ciantar.

M.T. SECTION/TRAFFIC – P.C. 716 A. Busuttil, P.C. 254 C. Falzon, P.C. 742 M. Scicluna, P.C. 241 R. Borg, P.C. 550 C. Galea, P.C. 873 A. Curmi, P.C. 321 J. D'Amato, P.C. 287 R. Aquilina, P.C. 178 C. Curmi, P.C. 787 V. Tedesco, P.C. 911 R. Attard, P.C. 203 R. Cilia, P.C. 215 M. Schembri, P.C. 535 J. Armeni, P.C. 511 M. Saliba, P.C. 1363 W. Spiteri.

Din il-logħba kienet it-tieni waħda f'din il-kompetizzjoni. It-team tad-District No. 3 deher mill-ewwel li sejjer jirbaħ din il-logħba għaliex mill-bidu beda jibni attakki kontinwi li t-team tal-M.T. Section/Traffic ma kellu ebda risposta. Iktar ma beda jgħaddi l-ħin iktar deher in-nuqqas ta' training min-naħa tat-team tal-M.T. Section/Traffic u t-team avversarju bi players bħal P.S. 509 J. Lentini f'nofs il-ground u P.C. 585 J. Calleja fuq quddiem dehru aktar team kompatt u magħqud.

L-ewwel goal tal-logħba ġie minn corner mogħti tajjeb minn P.C. 585 J. Calleja fejn daħal tajjeb P.C. 683 M. Caruana li b'daqqa ta' ras indirizza l-ballun lejn il-lasta fejn P.C. 716 A. Busuttil fil-lasta tal-M.T. Section/Traffic ma żammx il-ballun li spiċċa fl-art quddiem il-lasta fejn daħal Inspr. D. Attard u kompla l-ballun fix-xibka. It-tieni goal ġie minn free kick ta' P.C. 1014 A. Curmi fejn sab żmarkat lil P.C. 683 M. Caruana li wara li avvanza fajjar xutt li ħabat mal-lasta l-wieqfa qabel spiċċa fix-xibka. L-aħħar goal għat-team tad-District No. 3 ġie minn żball tal-goaler P.C. 716 A. Busuttil li ta' kick ħażina bil-ballun jispiċċa għand P.C. 1014 A. Curmi li wara li avvanza ftit passi ta xutt li għadda bejn il-goaler u l-lasta biex għalaq il-partita bl-iscore ta' 3-0 favur it-team tad-District No. 3 li għaddew għat-tieni round tan-K.O.

**QUARTER FINAL**

**C.I.D./S.B. ........................1**
**DISTRICT NO. 4 ...................0**

**Formazzjonijiet:**

C.I.D./S.B. – P.C. 809 V. Vella, P.S. 713 M. Trapani, P.C. 650 N. Bartolo, P.C. 314 J. Grima, P.S. 1199 A. Sammut, P.S. 673 J. Mallia, P.C. 413 J. Incorvaja, P.C. 601 F. Zammit, P.C. 690 C. Pace, P.C. 959 G. Grech, P.S. 1401 J. Pisani, P.C. 547 M. Agius, P.S. 621 P. Calleja, P.S. 578 M. Saliba, P.C. 948 J. Muscat, P.C. 874 P. Sammut.

DISTRICT NO. 4 – 2nd S.M. 1215 L. Borg, P.C. 235 R. Bristow, P.C. 1161 A. Tonna, P.C. 374 N. Fabri, P.C. 617 D. Camilleri, P.S. 1153 M. Tanti, P.C. 909 H. Ellul, P.C. 1107 S. Kitcher, P.C. 921 R. Sammut, P.C. 129 R. Aquilina, P.C. 748 T. Mizzi, P.C. 271 W. Sciortino, P.C. 356 E. Sciberras, P.C. 1287 J. Zammit, P.C. 937 E. Grech.

Din il-logħba li kontra t-tnejn ta' qabilha intlagħbet fuq art iebsa f'Manoel Island ground kienet kumbattuta miż-żewġ naħat għalkemm it-team tas-C.I.D/S.B. deher li kien aktar kumpatt bi players żgħażagħ, kontra t-team avversarju li kien kompost minn players aktar anzjani.

Din il-logħba ġiet deċiża b'goal uniku li ġie skurjat xi għaxar minuti mit-tmiem meta minn kontra attakk P.S. 673 J. Mallia qassam għan-nofs lil P.C. 874 P. Zammit li b'xutt fil-baxx qarraq bil-goaler tad-District No. 4. Għalhekk b'din ir-rebħa t-team tas-C.I.D./S.B. għaddew għat-tieni round tan-K.O.

***• Aktar dettalji dwar il-kumplament tal-Police Christmas K.O. Shield fil-ħarġa li jmiss.***



It-team tad-District No. 4



It-team tad-District No. 1/2


AIRMALTA
We promise you
a warm welcome.

# Open a Current Account with the Bank of Valletta






A current account with the Bank of Valletta saves so much time and trouble.

The Bank of Valletta is its only Bank in Malta that does not charge Ledger Fees.

Your money is safe and the signing of a cheque neatly covers bills and purchases.

For your convenience and safety –

**Open a current account with the Bank of Valletta.**

**Bank of Valletta Limited, Malta**

*For a Better Service*